# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 846 Frar 2003




## Dar Ġdida għan-Nisa Anzjani


LUMEN CHRIST
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GHAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GHAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib...
365 TALBA GHAT-TFAL
Fil-"Lumen Christi" issib kemm trid!
My Big Fun Book of NUMBERS
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
KNOW THE WORLD OF ANIMALS Birds, Reptiles and Insects
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA MILLENNIUM EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
A guide to over 200 flags from around the world
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Proġett Residenza Sant' Anna • 12
Wara 42 sena fil-Brażil • 16
Poeżija • 19
ACM: Fl-40 sena ta' l-Enċiklika
"Pacem In Terris" tal-Papa Ġwanni XXIII • 20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu -
Proviżjoni ta' Ħobż lill-Pjazza • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (14) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (13) • 26
Wirt Gżiritna -
Il-Mużew tal-Katidral (2) • 30
Xhieda Nisranija : Fra Baskal (2) • 32
Għawdxin li għadna niftakru (2)
Fredu tar-Reverist • 34
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



## IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 846***
***Frar 2003***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Jannar 2003*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**
Ir-Residenza Ġdida "Sant' Anna"
(ara l-intervista f'paġni 12-15)

# EDITORJAL

# Id-Dmir tal-Verità fil-Ġurnaliżmu

*Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar, ġie iċċelebrat Jum il-Ġurnaliżmu Nisrani. F'messaġġ li ta Mons Isqof Nikol Ġ.Cauchi lill-gurnalisti preżenti għall-quddiesa ta' l-okkażjoni, aċċenna fost l-oħrajn għal dawn it-tliet punti:*

♦ *Il-ġurnaliżmu, wieħed mill-elementi fundamentali tal-Media, jeħtieġ li jkun dejjem ibbażat fuq il-verita` u l-onesta` ħalli l-aħbar titwassal kemm jista jkun preċiża u mingħajr ħabi. Il-ġurnalist nisrani, mmexxi bl-onesta` jagħti servizz doppju: servizz lill-verita` u servizz lill-qarrejja jew semmiegħa. Dawn ta' l-aħħar min-naħa tagħhom għandhom jiġu rrispettati bħala persuni umani, kif għandha tiġi rrispettata l-intelliġenza u l-kuxjenza tagħhom. Hekk titlob is-serjeta`.*

♦ *Huwa fatt li l-ġurnalist jista jagħti kontribut qawwi għall-progress ta' pajjiżu. L-attivita` tiegħu mhix waħda newtrali jew bla effett fuq is-soċjeta`; għall-kuntrarju bl-iżbalji tiegħu jista jagħmel ħafna ħsara, Iżda jekk ikun għaqli u rett f'xogħolu, żgur li jisfa ta' ġid għaċ-ċittadini ta' pajjiżu u ta' żmienu.*

♦ *F'dan iż-żmien delikat li minnu jinsab għaddej pajjiżna bħalissa minħabba l-għażliet li mistenni jagħmel, il-ġurnalist b'responsablita` kbira għandu l-obbligu li jgħin lin-nies u mhux iħawwadhom. Fil-komunikazzjoni tal-verita` m'għandu jkun hemm l-ebda doża ta' emozzjoni, tal-passjoni jew preġudizzju personali jew partiġġjan; b'hekk ix-xandir u t-twassil ta' l-aħbarijiet ikun ħieles minn influwenzi estranji għall-verita`, ħalli din titwassal kemm jista jkun fl-integrita` u s-safa tagħha, għall-ġid ta' kulħadd.*

*Il-verita` qatt u għall-ebda raġuni ma għandha tiġi ssagrifikata. "Honesty is the best policy" - dan il-proverbju ngliż jgħodd ukoll għall-kamp ġurnalistiku. Il-ġurnalist nisrani mbagħad ma jista qatt jinsa l-kliem ta' Kristu : "Il-verita` teħliskom" (Ġw 8,32).*

*Minn hawn insellmu lil tant ġurnalisti li qdew jew qed jaqdu din il-missjoni mportanti b'sens ta' responsabilita` u b'servizz lejn il-verita`.*

### AVVIŻ IMPORTANTI

Jekk għadek ma ġeddidtx l-abbonament tiegħek għas-sena 2003, din hi l-aħħar ħarġa li qed tirċievi. Għalhekk ibgħatilna malajr l-formola u l-ħlas, mhux aktar tard mit-28 ta' Frar. Grazzi.

**L-AMMINISTRATUR**




### *FTUĦ TA' L-ISKOLA SEKONDARJA TAL-BNIET TAL-KONSERVATORJU*

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru, sar il-ftuħ b'mod uffiċjali ta' l-iskola sekondarja tal-bniet tal-Konservatorju. Fetaħ din l-okkażjoni Mons Isqof Nikol Cauchi, fejn mexxa konċelebrazzjoni fl-istess binja ta' l-iskola. Wara kien hemm ċerimonja b'ħafna kant, żfin u daqq mtella' mill-istess tfal ta' l-istess skola. Saru anke diskorsi minn Mons Isqof Nikol Cauchi u anke mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Din iċ-ċerimonja laħqet il-qofol tagħha permezz ta' kxif ta' lapida kommemorattiva minn Mons Isqof.

### *JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ*

F'jum il-persuni b'diżabilita`, li ġie iċċelebrat fl-1 ta' Diċembru, saret quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Din il-quddiesa ġiet preseduta mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Gauci.



### *SEMINAR TAL-G.U.G.*

Nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru l-Isqof indirizza s-Seminar imtella' mill-Grupp Universitarju Għawdxi li t-tema tiegħu kienet dwar ir-reġjonalita` ta' Għawdex. Il-Ħadd, 15 ta' Diċembru saret il-konklużjoni ta' dan is-Seminar b'quddiesa li saret ġewwa l-Katidral immexxija mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Giovanni Gauci.

### *PARTIES FIS-SEMINARJU MINURI*

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru u l-Ħamis, 15 ta' Diċembru Mons. Isqof Nikol Cauchi attenda għal dawn l-avvenimenti tal-Milied u kellem lill-istudenti preżenti.

### *LAQGĦA MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAĊ-ĊENTRU TAN-NADUR*

Mons. Isqof mexxa laqgħa maż-żgħażagħ taċ-Ċentru tan-Nadur nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru. Wara l-laqgħa huwa bierek il-presepju li jiġi armat ta' kull sena miż-żgħażagħ ta' l-istess ċentru.

### *LAQGĦA GĦALL-ABBATINI*

L-abbatini kollha tad-djoċesi ta' Għawdex attendew għal-laqgħa annwali tagħhom ġewwa s-Seminarju nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru. Mons. Isqof, flimkien mad-Direttur Djoċesan ta' l-Abbatini, Dun Eddie Xuereb, u mas-superjuri tas-Seminarju Maġġuri, iċċelebra l-Ewkaristija fis-sala tas-Seminarju għall-abbatini. Wara, l-abbatini kellhom nofs ta' nhar ta' attivitajiet u logħob imħejjija għalihom mis-Seminaristi.

### *"DECEMBER FUNCTION"*

Il-*Legion of Mary* ta' kull sena, meta joqrob il-Milied, jagħmlu laqgħa b'differenza għall-membri tagħhom. Nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru saret din il-laqgħa ta' talb u divertiment fil-preżenza ta' Mons. Isqof li kellem lil dawk kollha mistiedna.



## *GĦOTI TAL-MINISTERI TA' L-AKKOLITAT U L-LETTORAT*

Ġewwa l-Katidral ta' Għawdex, nhar il-Ħadd filgħodu 22 ta' Diċembru, sar l-għoti tal-ministeri minn Mons Isqof Nikol Cauchi lil xi uħud mis-seminaristi. Is-seminarista Geoffrey Attard mill-parroċċa ta' San Ġorġ irċieva l-ministeru ta' l-Akkolitat, filwaqt li s-seminaristi Peter Paul Sammut mill-parroċċa tan-Nadur, Dominic Sultana mill-parroċċa tax-Xagħra, u Christopher Cauchi mill-parroċċa ta' l-Għarb, irċivew il-ministeru tal-Lettorat.

## *LAQGĦA GĦAD-DAMI TAS-SEMINARJU*

Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied ġewwa s-Seminarju Maġġuri, Mons. Isqof mexxa quddiesa bħala ringrazzjament għall-għajnuna li d-Dami dejjem taw lis-Seminarju Maġġuri. Wara l-quddiesa, sar riċeviment għalihom fis-sala tas-Seminarju flimkien mas-seminaristi.

## *"CHRISTMAS CAROLS SERVICE"*

Din is-sena, il-*Christmas Carol Service*, li hi organizzata mill-*Legion of Mary*, ġiet imtellgħa fil-knisja l-qadima ta' Għajnsielem. Attenda għaliha l-Vigarju Ġenerali li wassal ukoll messaġġ ta' okkażjoni. Fost l-oħrajn, kien hemm rappreżentanza mill-Komunita` Anglikana.

## *QUDDIESA TA' L-ISTUDENTI*

Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru, il-Vigarju Ġenerali mexxa quddiesa għall-istudenti ġewwa t-Teatru Aurora. Għal din l-okkażjoni attendew numru kbir ta' studenti mill-iskejjel akkumpanjati mill-għalliema rispettivi tagħhom.



## *FESTIVAL TAL-KORIJIET*

Is-Segretarjat tal-Kultura tal-Kurja ta' Għawdex bħal kull sena organizza *Festival* tal-Korijiet nhar il-Ħamis, 26 ta' Diċembru. Dan il-*festival* inżamm fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ taħt il-patroċinju ta' Mons. Isqof. Fi tmiem ta' dan il-*festival*, Mons. Isqof qassam it-trofew lill-kor rebbieħ u għamel diskors qasir ta' l-okkażjoni.

## *L-ISQOF JILTAQA' MAT-TFAL TA' L-AZZJONI KATTOLIKA*

L-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex organizzat *party* għall-aspiranti ta' din l-għaqda fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, ir-Rabat, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru. Huma kellhom quddiesa bl-omelija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

## *LAQGĦA MAL-KOPERATURI RĠIEL TAL-MUSEUM*

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Jannar, fid-dar tal-qasam tal-Museum (Irġiel) Victoria, inżammet il-laqgħa annwali għall-koperaturi tal-Museum u Mons. Isqof kien mistieden u kellem lil dawk kollha preżenti rigward it-tema djoċesana għas-sena 2003 : Id-Djakonija.




## "Ġnien il-Familja" - proġett ġdid u mill-isbaħ fil-Qala mill-Kunsill Lokali





Il-Kunsill Lokali tal-Qala inawgurah, is-Sibt 11 ta' Jannar. Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ, saru diskorsi mis-Sindku tal-Qala Paul Buttigieg, mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Ġiovanna Debono kif ukoll mill-Prim Ministru l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami. Il-Prim Ministru kixef lapida kommemorattiva li mbagħad tbierket mill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo. F'dan il-ġnien wieħed isib *club house* li fiha *public toilets*, *gymnasium* mgħammar b'apparat modern, *dressing rooms, showers* u *foyer* kbir. Il-ġnien huwa mifrux fuq medda ta' art kbira madwar 3200 metru kwadru li jinkludi żewġ *gazebos*, bandli, *pitch* għal-logħob tal-boċċi, passaġġi fuq stil rustiku b'ħitan tal-ġebel tas-sejjieħ u ċangatura, *semi arena* u nixxija ta' ilma b'sistema ta' dawl kulurit. Huwa tassew *leisure park* mill-isbaħ għall-familja.

## "Gozo Youth Congress" mill-Grupp Universitarju Għawdxi dwar iż-Żgħażagħ

Bejn it-12 u l-15 ta' Diċembru ttella' dan il-kungress mill-Grupp Universitarju Għawdxi (GUG) li qed ifakkar il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tiegħu. Aktar minn mitt żagħżugħ u żagħżugħa minn bosta għaqdiet u organizzazzjonijiet attendew għal dan il-kungress. It-temi diskussi kienu ħafna fosthom: iż-żgħażagħ u l-UE, iż-żgħażagħ u x-xogħol, u Għawdex bħala reġjun. Il-kungress sar fl-Oratorju Don Bosco u fil-Kunvent ta' l-Agostinjani biswit l-Oratorju, u nfetaħ mill-Ministru għal Għawdex. Bħala parti mill-kungress, ittella' kunċert vokali b'risq il-karità u quddiesa konċelebrata li tmexxiet mill-Isqof ta' Għawdex. Kienu diversi l-kelliema f'dan il-kungress, fosthom Stefano Corti mill-Italja.

## "The Pathway of Life" - wirja artistika



It-triq ta' omm artista kienet Esebizzjoni tal-Arti b'dan l-isem u ittellgħet mill-5 sat-18 ta' Jannar fil-Banca Giuratale, Victoria, mill-artista żagħżugħa Mary Rose Saliba. Wieħed seta' jammira f'din il-wirja 37 biċċa xogħol ta' arti. Il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex u turi perspettivi varji mill-ħajja umana.

## *"Mirage... a last glimpse at a very old island"*





Il-pittur żagħżugħ Vince Caruana organizza t-tieni wirja personali tiegħu bit-tema msemmija bejn l-11 u d-29 ta' Jannar fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Victoria. Din il-wirja b'tema ambjentali kienet tikkonsisti f'madwar għoxrin biċċa xogħol maħduma bl-akrilika, ippreżentati mill-perspettiva ta' dan l-artist għawdxi.



## *Ġieħ Għajnsielem*

Spiro Cauchi ngħata dan il-ġieħ mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem bħala rikonoxximent għall-isem sabiħ li Għajnsielem dejjem gawda tul is-snin permezz tal-karriera mużikali tiegħu. Spiro ngħata dan l-unur s-Sibt 7 ta' Diċembru mis-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem Francis Cauchi waqt programm soċjali li sar fis-sala taċ-Ċentru Maria Lauretana. Fost dawk mistiedna għaċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-Premju Ġieħ Għajnselmiż kien hemm is-sindku Alessandro Battilocchio u tliet kunsillieri mill-Comune ta' Tolfa fl-Italja, il-belt li magħha Għajnsielem qed jaħdem biex isir ġemellaġġ. Id-delegazzjoni Taljana kienet Għawdex l-ewwel darba fuq stedina ta' l-istess kunsill.



## *Ġieħ il-Qala*

Fid-29 ta' Diċembru l-Kunsill Lokali tal-Qala ta dan l-unur lil Dun Ġużepp Vella, saċerdot ħabrieki li matul it-48 sena tas-saċerdozju ħadem mill-qrib fost u mal-parroċċani Qalin. Iċ-ċerimonja saret fil-librerija ta' l-Iskola Primarja "President Anton Buttigieg" u għaliha kienu mistiedna saċerdoti, familjari u l-membri tal-kumitati soċjali, kulturali, politiċi u reliġjużi Qalin.

## Xagħra Song Festival - 27 parteċipanti li wrew it-talent tagħhom fix-Xagħra

Dan il-festival inżamm fid-29 ta' Diċembru fil-Każin tal-Banda Victory tax-Xagħra. Sebgħa u għoxrin kantant ħadu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena. Kien hemm ħames kategoriji li ġew mirbuħa minn Christian Grech, Gabriella Grech, Francine Grima, Ruth Portelli; Silvana Bonello u Audrey Bartolo li ġew l-ewwel fil-ħames kategorija. Renato u Norma Camilleri kienu l-kantanti mistiedna.



## BOV Award

Dan l-unur ġie mogħti lil Saviour Muscat, il-*manager* tal-fergħa tal-BOV f'Għawdex. Iċ-*Chairman* tal-BOV Joseph F X Zahra ppreżenta dan l-unur lis-Sur Muscat matul l-konferenza annwali tal-bank. Din kienet it-tieni sena li l-BOV ta dan l-unur lill-ħaddiem minn tagħha.

## Kompetizzjoni tal-Presepji organizzata mill-Gozo Channel



F' Għawdex nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar saret il-preżentazzjoni tal-premijiet lir-rebbieħa li ħadu sehem fil-kompetizzjoni għall-isbaħ presepju organizzata mill-Kumpanija *Gozo Channel* għall-familji mpjegati magħha.

Il-preżentazzjoni saret miċ-*Chairman* John E. Sullivan.

Il-parteċipanti kollha ngħataw *consolation prize*. U dan sar sabiex jikber fihom kuraġġ ta' aktar inizjattiva għas-snin li ġejjin.

William Vella li għall-ewwel darba esebixxa presepju bil-pasturi, djar, siġar eċċ.., skolpiti kollha fl-injam b'dedikazzjoni kbira, ingħata *special prize*.

Fil-kategorija tal-kbar, l-ewwel premju mar għand George Saliba miż-Żebbuġ. It-tieni Elvin Borg mix-Xagħra, waqt li t-tielet premju mar għand Kenneth Mercieca minn Għajnsielem. F'dik taż-żgħar, l-ewwel premju mar għand George Fenech minn Victoria, Paul Cassar minn Għajnsielem ġie fit-tieni post, waqt li Kevin Farrugia minn Birkirkara, Malta, ġie fit-tielet post.




### *Xogħol ġdid mill-Papa: Meditazzjoni poetika-reliġjuża*

Il-Papa kiteb "meditazzjoni poetika" ġdida, li dalwaqt tiġi pubblikata fil-Polonja.

Skond għidut f'Ruma, ix-xogħol tal-Papa se jkun meditazzjoni fuq il-mewt u lil hinn minnha. Iżda l-Vatikan ġab fix-xejn dan il-ħsieb. "Għal issa ma nistgħu ngħidu xejn fuq il-kontenut tal-ktieb, ħlief li mhux riflessjoni fuq il-mewt u l-ħajja wara l-mewt, iżda meditazzjoni poetika-reliġjuża", ħabbar il-Vatikan. Il-Vatikan qal ukoll li l-Papa ma jridx il-qarrejja jaħsbu li dan ix-xogħol jirrigwarda lil ħajtu. Il-poeżija hi dwar "xi ħaġa li hu għandu f'qalbu, li jixtieq jesprimi f'għamla poetika għall-glorja ta' Alla".

Ma ngħatat l-ebda data għal meta ser jidher ix-xogħol il-ġdid. L-ewwel ser jidher bil-pollakk u mbagħad jiġi tradott u pubblikat mill-Vatikan. Wojtyla kiteb ħafna xogħolijiet poetiċi qabel ma sar Papa. Minn dakinhar offra r-riflessjonijiet tiegħu personali f'żewġ pubblikazzjonijiet: "Immorru 'l hemm mill-għatba tat-tama", ktieb fil-forma ta' intervista li dehret fl-1994 u "Don u Misteru", meditazzjoni fuq is-saċerdozju li kiteb fil-50 anniversarju ta' l-ordinazzjoni.

### *Il-Papa jiltaqa' ma' miljuni ta' nies*

Aktar minn 2.8 miljun ruħ iltaqgħu mal-Papa fil-Vatikan fil-laqgħat pubbliċi tul l-2002, skond tagħrif uffiċjali mis-Santa Sede. Skond informazzjoni maħruġa għall-aħħar tas-sena li għaddiet, tul l-24 sena ta' pontifikat, Ġwanni Pawlu II iltaqa' ma' madwar 17-il miljun ruħ f'1064 udjenza.

Jekk ngħoddu l-vjaġġi internazzjonali, dik il-figura titla' għal madwar 8 miljun, qalet l-aġenzija Taljana Ansa.

### *Kosta ta' l-Avorju: Ix-Xewqa għall-Paċi*

Mexxejja reliġjużi f'dan il-pajjiż afrikan ingħaqdu f'appell għat-tmiem tal-ġlied intern u sejħu lill-fidili biex isumu u jitolbu għall-paċi.

"Aħna nħeġġu n-naħat kollha biex jammettu r-responsabiltajiet tagħhom u jieħdu inizjattivi biex itemmu l-konflitt mill-aktar fis possibli". Dan kien il-messaġġ ewlieni ta' messaġġ ta' l-Ewwel tas-Sena maħruġ mill-mexxejja nsara u musulmani, flimkien ma' rappreżentanti ta' reliġjonijiet afrikani tradizzjonali. Il-messaġġ kien indirizzat lill-mexxejja tal-gvern, lill-gruppi ribelli u lill-poplu in ġenerali.

Il-mexxejja reliġjużi sejħu lill-poplu tal-Kosta ta' l-Avorju biex josservaw tlett ijiem ta' sawm u talb. Spjegaw li bl-għajnuna ta' Alla biss jistgħu jitkellmu onestament u bil-kuraġġ dwar dak li mhux sejjer sewwa u dak li ġab din it-traġedja nazzjonali.

### *25 mietu għall-fidi fl-2002- il-martri ta' żmienna.*

Ħamsa u għoxrin persuna tilfu ħajjithom is-sena li għaddiet, jaqdu lill-Mulej u l-Knisja, fl-artijiet tal-missjoni. Fost dawn insibu lill-Arċisqof Isaías Duarte Cancino ta' Cali, fil-Kolombja, li miet wara li sparawlu fis-16 ta' Marzu, wara li qaddes f'parroċċa fl-arċidjoċesi tiegħu, u lil Dun Juan Ramón Núñez, Kolombjan, kappillan fl-Argentina, maqtul fis-6 t'April waqt il-quddiesa.

Skond l-aġenzija *Fides*, il-vittmi jinkludu Arċisqof, 18-il qassis, fra reliġjuż, żewġ sorijiet, żewġ seminaristi u lajk. Għalkemm il-Knisja ma xandritx uffiċjalment il-martirju tagħhom, *Fides* qalet li dawn "il-persuni kuraġġjużi huma msejħa b'affezzjoni 'martri ta' l-imħabba' mill-Papa Ġwanni Pawlu II".

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria – Gozo Tel 21553960 – 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt www.debrincat.com.mt*




## *Għawdex bi tfal speċjali?!*

Żgur li ħafna Għawdxin raw tfal ta' tnax-erbatax-il sena jsuqu *tractors* u mezzi oħra ta' trasport. Jekk tistaqsi lil missierhom għax jafdalhom dawn il-mezzi, jgħidlek "dak isuq aħjar minnek u minni"!

Żgur li ħafna Għawdxin raw tfal ta' tnax-erbatax-il sena jixorbu xorb alkoħoliku fil-pubbliku. Jekk tkellem lil missierhom, jgħidlek "dak jiflaħ għax-xorb iktar minnek u minni"!

Żgur li ħafna Għawdxin raw tfal ta' tnax-erbatax-il sena għaddejjin bis-snieter ta' ħamsa fil-kampanja tagħna. Jekk tkellem lil missierhom jgħidlek "dak jispara ferm aħjar minnek u minni".

Ftit dixxiplina tista' tevita ħafna nkwiet. Niftakru li l-kapaċità u l-maturità m'humiex l-istess ħaġa. Jew it-tfal għawdxin speċjali?

## *"Curfew"?*

Xi sena u nofs ilu, il-gażżetta "Il-Ġens illum" kienet għamlet stħarriġ fost bosta żgħażagħ dwar l-idea ta' *curfew* għat-tfal ta' taħt is-16 -il sena, ħalli dawn ma jittardjawx barra aktar minn ċertu ħin. Ta' min jgħid li *curfew* bħal dan diġa hu stabilit fir-Renju Unit, fi Franza, fl-Istati Uniti u fil-Kanada. Dawn il-pajjiżi introduċew il-*curfew* wara dibattiti twal u serji għax raw li t-tfal li jibqgħu barra jirrikrejaw ruħhom tard bil-lejl, isofru konsegwenzi ħżiena kemm moralment u anke mentalment. Anke fil-gżira tagħna ta' Għawdex wieħed jista jara tfal taħt is-16-il sena jiġġerrew barra minn post tad-divertiment għall-ieħor wara nofs il-lejl, speċjalment fil-*weekends*. Fl-istħarriġ li sar, l-opinjoni predominanti kienet li l-*curfew* għal dawn l-adoloxxenti għandu jiġi ntrodott u jibda fil-11.00 p.m. Imma l-pulizija qed tagħti każ?! Jew Għawdex kollox jgħaddi?

## *"No man's land" ?*

Waħda mit-toroq prinċipali li tgħaqqad ir-raħal tan-Nadur u tal-Qala hija Triq Grunju. F'dawn l-aħħar xhur kemm il-Kunsill Lokali tal-Qala kif ukoll dak tan-Nadur iddeċidew li jagħtu kisja *tarmac* lil din it-triq. Sar xogħol tajjeb miż-żewġ kunsilli. Iżda għal xi raġuni jew oħra tħalliet biċċa mit-triq bla *tarmac*. Il-Kunsill tan-Nadur jidher li wasal sat-tarf tal-konfini tiegħu, waqt li dak tal-Qala ħalla biċċa triq bla *tarmac* għax skond wieħed mill-kunsillieri "hemmhekk ma hemmx voti". U allura sa issa kull min juża din it-triq ma għandux ċans li jorqod waqt is-sewqan għax tħossok għaddej minn fuq *crater* tal-qamar. Tgħid ikollna nistennew li jinbnew xi partita djar f'din it-triq biex inżidu l-voti u allura tkun possibli li titkompla? Ejjew inkunu ftit iktar maturi. X'interessi "veri" qed infittxu?

## *L-Ewwel "Child Day Centre" għat-tfal*

Ħaqqu prosit tabilħaqq il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz għaliex hu l-ewwel Kunsill Għawdxi li waqqaf dan iċ-ċentru għat-tfal żgħar (*tiny tots*). Illum il-ġurnata, insibu numru mhux ħażin ta' ommijiet li joħorġu jaħdmu. Il-Kunsill ta' San Lawrenz attrezza post adattat tajjeb fejn il-ġenituri jistgħu bil-libertà kollha jħallu l-uliedhom żgħar fil-waqt li huma jmorru jaħdmu. F'dan il-post, it-tfal mhux biss isibu protezzjoni imma wkoll jirċievu edukazzjoni. Naturalment, il-ġenituri jridu jħallsu xi ħaġa tal-flus (35 ċenteżmu) kull siegħa għas-servizz li qed jirċievu. Dan is-servizz hu estiż ukoll għall-ġenituri residenti barra mir-raħal u jidher li diġa ġie milqugħ tajjeb mill-barranin. Jalla kunsilli ta' lokalitajiet oħra jimitaw din l-inizjattiva. Mhux "proġetti" biss!

## *Ritratt... b'mistoqsija!*



*Meta ser nagħtu kas bis-serjetà biex l-uniku akwadott f'Għawdex ma jibqax isir ħerba?*

### *Id-Djalett hu Wirt Missirijietna u mhux ħaġa li tbaxxik.*

F'diversi pajjiżi ta' l-Ewropa, l-aktar fil-Ġermanja, qed iqumu movimenti biex iħarsu d-djaletti tal-lokalitajiet għax dawn, jekk ma tikkonservahomx, jisparixxu bil-mod il-mod. Din il-ħaġa qed tiġri wkoll b'mod imgħaġġel fil-gżira tagħna. Tant qed jinqatgħu dawn id-djaletti antiki li jekk xi xiħ jew xiħa jitkellem b'dan id-djalett antik, iż-żgħażagħ tagħna ma jifhmux xi jkun qed jingħad. Il-mejjet magħruf Profs. Ġużè Aquilina kien mar iż-Żebbuġ u l-Għarb biex jirrekordja dan id-djalett biex, għall-inqas jibqa' magħruf kif kien ikun mitkellem. Imma dan mhux biżżejjed. Hemm bżonn li xi grupp, bħal ma hi l-Għaqda Wirt Għawdex tara x'tagħmel biex dan id-djalett partikolari jibqa' ħaj. Id-djalett hu wirt missirijietna, altru li mhux ħaġa li tbaxxik jew li tindika li għadek lura. Għalfejn mela għandi nistħi nitkellem bid-djalett tar-raħal tiegħi?

### *F'Għawdex għandna bżonn ta' "Desalination Plant" ieħor*

Żmien ilu, Għawdex kellu d-*desalination plant* tiegħu f'Ħondoq ir-Rummien li llum m'għadux jaħdem. Issa reġa beda jinħass il-bżonn ta' impjant bħal dan. Għaliex? Għax l-*aquifier* fil-gżira tagħna jinsab fil-periklu! Ħafna u ħafna bdiewa qed itellgħu wisq ilma għat-tisqija ta' l-uċuħ tar-raba' tagħhom. B'hekk il-kwalità ta' l-ilma li hemm fl-*aquifer* kull ma qed imur qed jiddeterjora u jimlieħ. Is-sitwazzjoni preżenti hi li l-kwalità ta' l-ilma f'Għawdex hi ta' livelli aktar baxxi minn dawk rikjesti mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Saħħa (WHO). Nafu li minn xi sentejn ilu l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma kienet għamlet proposta biex jinbena mpjant ieħor mdaqqas ta' desalinazzjoni ibbażat fuq il-proċess ta' '*low pressure reverse osmosis desalination*'. X'sar minnha din il-proposta? Jew Għawdex mhux daqs iċ- Ċirkewwa?






L-INTERVISTA

# PROĠETT RESIDENZA SANT ' ANNA

## *Ambjent Modern għall-Anzjani Nisa*

Dun Eddie Zammit jintervista lil Dr. Anthony Livori, Supretendent Mediku ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, fl-okkażjoni tal-ftuħ tar-"Residenza Sant'Anna" għall-kura ta' l-Anzjani Nisa fl-Isptar Ġenerali

***Dr. Livori, għaliex inħasset il-ħtieġa li jsir dan il-proġett għall-anzjani nisa fi ħdan il-kumpless tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex?***

Kull min kien midħla tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex jaf li minkejja l-istruttura moderna u effiċjenti tiegħu, jibqa' fatt li diġà għaddew minn fuqu iktar minn 27 sena. Kull sena rridu naħdmu fuq setturi tiegħu biex intejbuhom u nagħmluhom iktar adattati għall-eżiġenzi ta' żmienna. Wieħed mill-oqsma li kien fil-programm tagħna ta' titjib kien il-qasam tal-anzjani nisa fi ħdan l-istess sptar. Ridna nagħtu dehra ta' tisbieħ tal-post, billi noħolqu iktar kumdità kemm għall-anzjani li jqattgħu l-aħħar jiem ta' ħajjithom f'din id-dar, kif ukoll għall-istess ħaddiema li xogħolhom hu li joffru s-servizzi tagħhom lill-anzjani. Il-post fejn kienu jinżammu l-anzjani nisa kellu bżonn ta' bidla mill-qiegħ, mhux biss fl-istruttura innifisha imma ukoll fl-ambjent ta' madwaru, kif ser nispjegalek iktar 'l quddiem.



KIF KIEN QABEL

## *Fuq liema linji mxejtu meta ġejtu biex tagħmlu l-proġettazjoni tagħkom?*


WAQT IX-XOGHOL

Fil-ħsieb tagħna, meta konna fil-fażi ta' proġettazjoni ta' din ir-residenza, żammejna f'moħħna li noħolqu iktar ambjent ta' residenza ta' dar, u allura fittixna dawk l-elementi li soltu nsibu fid-djar tagħna b'adattament naturalment għall-eżiġenzi tal-anzjani. Aħna xtaqna li sa fejn hu possibbli ma nagħfsux iżżejjed fuq dawk l-elementi li soltu norbtuhom iktar ma' kumpless ta' sptar milli ma' dar, u fil-kas tagħna ma' dar tal-anzjani. Għidt sa fejn hu possibbli, għax naħseb li tifhem li l-anzjanità nistgħu nharsu lejha ukoll bħala kundizzjoni medika u allura titlob ukoll eżiġenzi fil-qasam ta-saħħa għal dik li hi kura medika. Il-biċċa l-kbira tal-anzjani li jkollhom jirrikorru għall-kenn ta' din ir-residenza jagħmlu hekk għax ikollhom bżonn ta' kura speċifika għalihom. Aħna tajna kas ta' dan u fl-istess waqt qagħdna attenti li ma ninsewx karatteristiċi oħrajn biex ir-residenza tal-anzjani tkun tassew differenti mill-ambjent ta' sptar.

## *X'inhuma dawn il-karatteristiċi li qed tirreferi għalihom?*

Kif naħseb li setgħu jindunaw il-viżitaturi li żaru din ir-residenza ġdida, meta wieħed jidħol f'din id-dar, biex insejħulha hekk, jinsa għal mument li qiegħed f'kumpless ta' sptar. Nibda biex ngħid li ħadna ħsieb li ntejbu l-immaġni ta' din ir-residenza billi ħloqna entratura għaliha. Qabel, l-entratura kienet biss minn kuridur fil-*basement* tal-isptar. Xħin kont tidħol kont issib ma wiċċek kuritur dejjaq u mhux imdawwal biżżejjed minħabba in-nuqqas ta' dwal u kuluri adattati. Ħadna ħsieb li ndaħħlu kuluri sbieħ u ħajjin li jistgħu jferrħu lir-residenti. Naħseb li nnotajt li ppruvajna wkoll fl-għażla tal-kuluri nkissru xi ftit il-monotonija. Għalhekk fil-kmamar applikajna kuluri differenti. L-istess għamilna fil-kmamar tal-banju. Fil-madum tal-ħajt ippruvajna noħolqu xi disinni li iktar issibhom fid-djar tagħna milli fi sptar. L-istess ħaġa wkoll applikajniha meta ġejna biex nagħżlu id-dawl. Ħloqna ukoll ċerta kumdità li hija speċifika għall-anzjani u fl-istess waqt tagħmel ftit ekonomija biex ma jkunx hemm ħela. Qed nirreferi għas-*sensors* tad-dawl, li permezz tagħhom meta wieħed jidħol fil-kamra tal-banju id-dawl jixgħel waħdu.

## *Dan f'dawk li huma karatteristiċi. X'xogħol ieħor sar fir-Residenza?*

Għalkemm ma kienx possibbli li taqla' l-istruttura mill-qiegħ, ix-xogħol kbir li sar fi ħdanha ma ħallihiex tingħaraf minn kif kienet qabel. Saru ħafna servizzi li jistgħu jkunu moħbija għall-istess għajnejn kemm tar-residenti kif ukoll tal-viżitaturi li jżuru lil qrabathom f'din ir-residenza. Ħadna ħsieb li l-ewwelnett inbaxxu t-twieqi li jagħtu għal barra biex jidħol iktar dawl minnhom; u fl-istess waqt wieħed jista' wkoll igawdi d-dehra ta' barra minn fuq is-sodda tiegħu meta ma jkunx jiflaħ jinżel iktar. Bnejna servizzi sanitarji ġodda. Issa hemm servizzi personalizzati għal kull tmien residenti. Ħloqna wkoll aċċess kemm għall-btieħi interni kif ukoll għall-ġonna ta' madwar. Bnejna wkoll ġonna madwar ir-residenza b'dawl u passaġġi apposta, hekk li anzjana li tkun għadha tiflaħ tista' tgħaddi ftit ħin liberu hemmhekk. Dan tista' tagħmlu wkoll fil-kumpanija tal-qraba jew ħbieb tagħha li jistgħu jiġu jżurha. Barra minn hekk, għaddejna s-servizzi kollha ġodda f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawl, ilma, servizzi sanitarji, servizzi ta' komunikazzjoni personali bħalma huma t-televiżjoni jew telefon, kif ukoll dawk mediċi bħal ossiġenu u *vacuum*. F'dawk li huma servizzi mediċi huma iktar personalizzati u mqassmin aħjar fuq kull sodda biex jagħmilha faċli kemm għall-anzjani kif ukoll għall-istaff mediku li jaħdem iktar malajr u b'effiċjenza meta jinqala' l-bżonn. L-istess għamara hija kollha ġdida. Kif ukoll l-istess purtieri, *quilts*, u materjal ieħor li ġeneralment issib fid-djar tal-familji tagħna. Kemm fl-għażla tal-għamara kif ukoll tal-purtieri





għażilna materjal sabiħ u addatat iktar għall-ambjent ta' dar. Nixtieq ngħid ukoll li bix-xogħol kollu li sar ħloqna iktar spazju fir-residenza b'mod li kabbarna l-kapaċità tar-residenza b'35%.

***Innutajt ukoll li saret kċina ġdida u ikbar. L-anzjani ser ikollhom possibilità li jużawha?***

L-ikel ser jibqa' jiġi provdut bħal qabel, naturalment bl-istess adattamenti li jsiru għas-saħħa tal-anzjani. Però ridna noħolqu din il-kċina biex dawk l-anzjani li jkunu għadhom jifilħu, nagħtuhom ukoll l-opportunità li jkunu jistgħu jsajru xi ħaġa ħafifa għalihom, jekk iħossu l-ħtieġa. Hemm ukoll possibilità li wieħed jista' jsaħħan xi ikel li jkun jippreferi.
Dan għamilnih biex kemm jista' jkun ma nnaqqsu xejn mill-awtonomija u l-indipendenza tal-anzjani, li nħossu li hija ta' valur kbir għad-dinjità tal-anzjan.

***Barra mill-anzjani tajtu ukoll kas tal-viżitaturi?***

Iva, żammejna wkoll dan f'moħħna. Hawnhekk, barra mill-anzjani, jiġu ukoll f'diversi ħinijiet tal-ġurnata viżitaturi li huma ħbieb jew qraba ta' dawn l-anzjani. Meta l-anzjana tkun għadha tiflaħ tista' tgħaddi ftit ħin mal-ħbieb u l-qraba tagħha jew fil-ġonna, meta t-temp jippermetti, jew inkella f'salotti apposta li ħloqna fir-residenza l-ġdida. Dawn is-salotti jistgħu jservu għal ftit iktar privatezza għall-anzjani meta jkunu jridu jitkellmu bil-kunfidenza ma' xi ħadd. Barra dawn is-salotti kemm għall-anzjani kif ukoll għall-viżitaturi, ma rridx ninsa nsemmi li ħloqna ukoll *salon* tax-xagħar biex issa l-anzjani jkunu jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom nfushom f'ambjent aħjar. Fil-verità dan is-servizz kien diġà jingħata qabel ukoll, imma issa ħloqna post speċifikat għalih.







***Nimmaġina li f'dan ix-xogħol kollu u fil-materjal li ġie ntużat imxejtu skond l-aħħar proċeduri ta' safety u ta' saħħa kemm għar-residenti kif ukoll għall-ħaddiema.***

Illum marbutin b'normi speċifiċi għas-*safety* meta niġu biex inwettqu proġetti ġodda. Ma setax jonqos li dawn napplikawhom ukoll f'din ir-residenza ġdida. Għalhekk inbidel is-suffitt antik flimkien ma' l-ippavimentar. Ġiet stallata sistema ta' *smoke detectors* illi jagħtu l-allarm f'kas ta' ħruq. L-istess apparat tal-kċina ħadna ħsieb li jkun wieħed industrijali, biex inkunu nistgħu nieħdu ħsiebu aħjar f'dik li hi manutensjoni.

## *Sodisfatt bil-proġett li twettaq?*

Kif kelli l-opportunità ngħid fid-diskors tiegħi dak in-nhar ta' l-inawgurazzjoni, jien inħossni sodisfatt ħafna bix-xogħol kollu li sar, u ta' dan nixtieq nerġa nirringrazzja lill- Ministru għal Għawdex tal-kooperazzjoni li dejjem sibna, lill-*Welfare Comittee* li jieħu ħsieb il-fondi li jintużaw għal titjib fil-ħajja tal-anzjani, lit-tim tal-persuni li flimkien miegħi ħadmu f'dawn l-aħħar xhur biex il-proġett inlestuh fil-ħin, kif ukoll lill-istaff ta' l-isptar għall-assistenza u l-kooperazzjoni. Grazzi ukoll lill-perit Edward Xerri u lill- ħaddiema kollha involuti fit-twettiq ta' dan il-proġett. Nawgura li bil-ħidma ta' kulħadd dan il-proġett jirnexxielna nżommuh fl-istat sabiħ u effiċjenti tiegħu għall-ġid tal-anzjani tagħna, li tant jixirqilhom dak kollu li nagħmlu magħhom.



**Gozo Courier**

EMANUEL GRIMA

*Kurrier Ġdid għal kull xorta ta' Trasport minn bieb għal bieb, f'Għawdex u f'Malta.*

**Yarraville Gardens** **Tel: 21 561228**
**Grunju Str. Nadur.** **Mob: 7956 1228**

**GREZZJU BONELLO**



***Over 10 years of experience...***

***Water Proofing Services***

***for roofs, walls, under tiles and under counter roof***

*"GrezJos" Filfla Street,*
*Għajnsielem, Gozo*
***Tel: 21 557694***

# Wara 42 Sena fil-Brażil

## Jiktbilna dwar l-esperjenza missjunarja tiegħu Mons. Jose` Agius



Fl-1961, meta fis-Seminarju ta' Għawdex kien hemm ħeġġa missjunarja kbira, fl-istess żmien li t-twajjeb Papa Ġwanni XXIII kien ġibed il-ħarsa tal-Ewropa fuq l-Amerika Latina, meta għamel sejħa qawwija favur dak il-Kontinent li ma tantx kien magħruf fostna, qtajtha li mmur il-Brażil fejn diġa kienu marru oħrajn qabli. Ma kont naf xejn dwar il-Brażil, lanqas l-ilsien li hemm kien mitkellem. Ta' żagħżugħ ta' għoxrin sena li kont, mort mogħni bi spirtu missjunarju ta' avventura ta' fidi u ma tqarraqtx!



Għaddew kważi tnejn u erbgħin sena u għadni nħoss l-istess ħeġġa taż-żogħżija għax-xogħol u t-taħbit fil-qasam pastorali, jew aħjar fl-oqsma kollha tal-ħajja tal-bnedmin: reliġjuż, kulturali, soċjali, kateketiku, eċċ. Għax tgħallimt mill-esperjenza ta' kuljum li l-bniedem hu fl-istess ħin ruħ u ġisem, spiritwali u materjali u ma nistgħux nifirdu ż-żewġ elementi minn xulxin. Ġewwa l-maqdes u barra minnu, hu l-istess bniedem. Allura, il-missjunarju, u anke kull saċerdot, għandu jħares lejn il-bniedem fit-totalità tiegħu. Il-parroċċa mhix biss il-knisja parrokkjali li tiċċentralizza kollox, iżda wkoll kulma nsibu fit territorju parrokkjali, anke dak li mhux neċessarjament reliġjuż.

Din l-imġieba tgħallimtha frott il-ħafna nies ta' Alla li magħhom kelli xi kuntatt, ibda mill-Arċisqof li kelli sa tnax-il sena ilu Dom Geraldo Majella Agnelo. Dan dejjem għaraf xi jfisser li jkun Isqof-Qaddej u hekk dejjem mexa. Bqajna ħbieb anke matul it-tmien snin li għamel bħala segretarju tal-Kongregazzjoni tal-Kult u Dixxiplina tas-Sagramenti ġewwa l-Vatikan, meta ġie jżur Malta u Għawdex bosta drabi.

### *Il-Kardinal Primat tal-Brażil Fostna.*

Fl-1999, Dom Geraldo ġie magħżul bħala Arċisqof ta' Salvador, Stat ta' Bahia, l-ewwel Djoċesi tal-Brażil, imwaqqfa ħames mitt sena ilu, u għalhekk Sede Primazjali. Fil-21 ta' Jannar 2001, ġie maħtur Kardinal mill-Papa Ġwanni Pawlu II. Minkejja qagħda daqshekk għolja fil-ġerarkija tal-Knisja u l-bogħod li jifridna (hemm xi erba' siegħat ajruplan) bqajna nżommu l-ħbiberija antika tagħna. Għalhekk, meta sar jaf li kont ġej inżur lil ommi u billi kellu jkun Ruma għal xi laqgħat, wera x-xewqa



tiegħu li jasal wasla sa Għawdex għall-ewwel darba bħala Kardinal. Hekk ġara bejn it-22 u l-25 ta' Jannar li għadda.

Kemm dam fostna, l-Kardinal kellu diversi laqgħat fosthom laqgħa f'Malta mal-benefatturi ta' opri missjunarji fil-Brażil. Iltaqa' wkoll ma' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi fis-seminarju ta' Għawdex li tul is-snin offra tant missjunarji lill-Brażil. Kellu wkoll żjarat fil-Kattidral ta' Għawdex u fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat.



Fuq xewqa tiegħu stess, il-Kardinal mar iżur is-Santwarju Ta' Pinu fejn talab f'riġlejn il-Madonna. Il-Kardinal għandu devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Pinu. Meta kien il-Vatikan, kien iħobb jiġbor lill-impjegati tal-Kongregazzjoni fejn kien jaħdem fil-Kuridur fejn kien hemm Kwadru, kopja tal-Madonna Ta' Pinu, biex jirreċitaw l-Angelus ta' kuljum.

Il-mawra tal-Kardinal Agnelo kienet iċċentrata fil-parroċċa tal-Munxar, raħal twelidi fejn ukoll kien ġie kemm-il darba qabel. Il-Ħamis, 23 ta' Jannar, saret laqgħa ta' merħba lill-Kardinal minn folla ta' nies u tfal li mlew il-Knisja Parrokkjali tal-Munxar biex jilqgħuh. Dakinhar stess filgħaxija, il-Kardinal kellem lis-saċerdoti, reliġjużi u membri tal-għaqdiet tad-Djoċesi tagħna dwar suġġett tant importanti "Lejn Liturġija aktar ħajja". F'din il-konfereza, il-Kardinal ħeġġeġ lil dawk miġbura biex jagħmlu l-ħila tagħhom kollha biex isaffu l-liturġija minn dak kollu li jista' jsir rutina jew piż u jfittxu li jħejju ċelebrazzjonijiet dejjem iżjed ippreparati u li jferrħu l-miġemgħa.

Il-qofol taż-żjara tal-Kardinal Geraldo Majella Agnelo fostna ntlaħaq il-Ġimgħa, 24 ta' Jannar meta ċċelebra l-quddiesa tal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Għal din il-quddiesa kienu preżenti l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż: il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami, Is-Sur Anton Tabone, Speaker tal-Parlament, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex u membri miż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Rappreżentanti; kienu preżenti wkoll il-Kunsilliera tal-Munxar immexxija mis-Sindku s-Sur Joseph Sultana. Wara l-quddiesa l-Kardinal fetaħ u bierek Kamra tat-Talb taħt il-Presbiterju tal-Knisja tal-Munxar li ġiet mkabbra u rranġata bir-riforma li saret fil-Presbiterju, riforma li poġġiet l-altar mejda aktar qrib tal-ġemgħa.

Qabel telaq minn Malta, il-Kardinal Geraldo Majella Agnelo kellu laqgħa personali fis-sala tal-VIP fl-ajruport mal-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca u mal-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale.

Kull fejn mar, il-Kardinal kellu laqgħa mill-aktar sabiħa. Il-poplu tagħna wera li għad għandu għal qalbu l-ħidma missjunarja ta' bosta Maltin imxerrdin mad-dinja biex jagħtu xhieda ħajja ta' fidi fi Kristu. Din hi s-sbuħija tal-Knisja Maltija li lilna l-missjunarji timliena b'tant kuraġġ biex inkomplu l-ħidma tagħna 'l bogħod minn art twelidna.



ICI Dulux

EVERYTHING YOU COULD IMAGINE

*In store colouring mixing*

**Over 8000 Colours for Interior & Exterior walls, wood & metal**

**J & C Sultana (ta' Gamri)**
**Imrejzbiet Street**
**Għajnsielem**
**Tel: 21 551578 / 99422341**

Villa Fiorita
marsalforn
Wedding Hall

For that Special Occasion

Bartolo Catering & Dolceria
tel: 552837

TEL: 21 562506 Mob: 9942 4156

# Li Kellek Terġa' Tiġi...



Li kellek fuq xatt gżiritna
mill-ġdid l-għarqa terġa' ġġarrab,
ma naħsibx li 'l-Maltin kollha
għata jtuk 'k jilmħuk mxarrab.

Ma naħsibx li lkoll jistagħġbu
jekk tagħmel xi għaġeb magħhom;
ma jdawrux jew jibdlu feh'mthom,
int'x qattiel jew alla tagħhom.

Ma naħsibx li lkoll mistagħġba
b'ħalq miftuħ jibilgħu kliemek,
'mma jmeruk u jitħadtuha,
jiflu sew il-ħobż taħt snienek!

Żgur li ssib min jindaħallek,
jieqaflek, jgħajrek xewwiexi,
jaħdem biex minn fostna ssalpa,
tħalli d-Din għal rieħu miexi...

Nies bħal dawn l-anqas li kellek
fost beraq u ragħad tħabbrilhom,
għax l-anqas ħabbar mis-sema
mhu fehemthom ser idawrilhom.

'Mma r-ras iebsa minn tagħhom
bħal minfaħ tħarreġ il-fidi
ta' min b'missieru jqisek,
u lill-Ħallieq isejjaħ, "Sidi."

Tiswa daqs burraxka f'waqtha,
li l-ħamla taqla' fil-baħar,
li l-wieden taħsel u ssaffi,
tħalli biss joqgħod in-naqal.

Sawlu, Pawlu: Sawlu, Pawlu:
l-għarqa le, terġax ġġarrab;
biss lil Malta f'kull tempesta,
tħalli qatt li l-fidi twarrab!

***Francis Sultana***

**FL-40 SENA TAL-ENĊIKLIKA "PACEM IN TERRIS" TAL-PAPA**

# Id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem



### 1. ID-DRITT GĦALL-ĦAJJA LI TIXRAQ LILL-BNIEDEM

Kull bniedem għandu dritt għall-ħajja, għall-integrita fiżika u għall-mezzi indispensabbli biex jgħix ħajja deċenti speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikel, ma' l-ilbies, ma' dar fejn joqgħod, mal-mistrieħ, mal-kura medika, ma' servizzi soċjali meħtieġa. Għandu dritt għal xi forma ta' sigurta` f'każi ta' mard, invalidita`, f'każ ta' xjuħija, jew qagħad jew f'każ li l-mara tormol.

### 2. DRITTIJIET DWAR VALURI MORALI

Kull bniedem għandu d-dritt li tiġi rispettata :

- il-persuna tiegħu
- il-fama tajba tiegħu
- il-liberta` tiegħu għat-tiftix tal-verita`
- il-liberta` ta' l-espressjoni
- it-tixrid ta' l-informazzjoni
- id-dritt li jikkoltiva l-arti

id-dritt li wieħed ikollu informazzjoni oġġettiva.





### 3. ID-DRITT LI TIPPARTEĊIPA MILL-BENI KULTURALI

Jiġifieri :
- id-dritt għat-tagħlim bażiku u għall-formazzjoni teknika - professjonali.



### 4. ID-DRITT LI TAGĦTI QIMA LIL ALLA SKOND IL-ĠUDIZZJU TAL-KUXJENZA RETTA

Dritt għal dan sew fil-privat u sew fil-pubbliku.

### RABTA BEJN DRITTIJIET U DMIRIJIET

A) Kull persuna li għandha xi dritt għandha marbut magħha dmir rispettiv.
Eż: Jekk għandi dritt għall-ħajja, miegħu għandi marbut l-obbligu li nibża għal ħajti u li nħares ħajti.

B) Fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin. Kull persuna li għandha xi dritt naturali, ġġib miegħu l-obbligu li l-persuni l-oħrajn jagħrfu u jirrispettaw dan id-dritt.
Għalhekk dawk il-persuni li filwaqt li jisħqu fuq id-drittijiet tagħhom infushom iżda mbagħad jinsew jew ma jirrispettawx id-dmirijiet rispettivi tagħhom, ikunu qed jirriskjaw li dak li qed jibnu b'id waħda, jkunu qed iġarrfuħ bl-oħra.

**ĠWANNI XXIII** **Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

### 5. ID-DRITT GĦAL-LIBERTÀ FL-GĦAŻLA TA' L-ISTAT TAL-ĦAJJA PROPJA

Għalhekk dan iġib miegħu
1) id-dritt li toħloq familja b'mod li r-raġel u l-mara jkollhom id-drittijiet u d-dmirijiet indaqs
2) id-dritt li wieħed isegwi l-vokazzjoni għas-saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża.
Il-familja għandha titqies bħala n-nukleju naturali u essenzjali tas-soċjeta`

### 6. ID-DRITT TAL-EMIGRAZZJONI U IMMIGRAZZJONI

Kull bniedem għandu d-dritt tal-moviment u tar-residenza fil-komunita` fejn huwa ċittadin.
Meta jkun hemm il-ħtieġa, għandu d-dritt ukoll li jimmigra, għax kull bniedem huwa membru tal-familja tal-bnedmin u għalhekk huwa ċittadin tal-komunita` dinjija.

### 7. ID-DRITTIJIET RIGWARD IL-QASAM EKONOMIKU U D-DRITT GĦAX-XOGĦOL

Dan iġib miegħu:
1) Li wieħed ikollu kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol.
2) In-nisa għandhom id-dritt għall-kundizzjonijiet ta' xogħol li jkunu jaqblu ma l-esiġenzi tagħhom u mad-dmirijiet tagħhom ta' miżżewġin u ommijiet.
3) Id-dritt għall-paga xierqa skond il-kriterji tal-ġustizzja biex il-ħaddiem irabbi b'mod deċenti lill-familja tiegħu.
4) Id-dritt għall-proprjeta` privata.

### 8. ID-DRITT GĦALL-ASSOĊJAZZJONI

Il-bnedmin huma esseri soċjali u għalhekk għandhom id-dritt li jingħaqdu fi gruppi.





### 9. DRITTIJIET POLITIĊI

Mid-dinjita` tal-persuna joħroġ ukoll id-dritt li l-bniedem jieħu parti attiva fil-ħajja pubblika.
Dritt ieħor fundamentali tal-persuna huwa li jiġu mħarsa d-drittijiet ġuridiċi tiegħu b'mod imparzjali u b'ġustizzja.

## IL-BNEDMIN HUMA MAĦLUQIN BIEX JGĦIXU FLIMKIEN

Biex il-bnedmin jgħixu flimkien b'mod dinjituż hemm bżonn li jgħixu :
1) Fil-Verita' : "Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verita' wieħed lill-ieħor" (Ef 4;25)
2) Fil-Ġustizzja : Wieħed jirrispetta id-drittijiet u jwettaq id-dmirijiet rispettivi.
3) Fl-Imħabba : Wieħed iħoss il-bżonnijiet ta' ħaddieħor daqs li kieku kienu tiegħu stess.
4) Fil-Liberta' kif jixraq lid-dinjita' tal-bniedem.

BOOKMARK

# DWAR DEHRIET TAL-MADONNA

**Mons. Anton Gauci, "Meta l-Madonna tidher jew tibki", A&M Printing Ltd. Qala, Gozo, Malta 2002; pp.304; Lm3.**




*Fis-27 ta' Diċembru 2002, f'Għawdex ġie ppubblikat ktieb ġdid bl-isem ta' "**Meta l-Madonna tidher jew tibki**". L-awtur ta' dan il-ktieb hu Mons. Anton Gauci. Il-ktieb fih 304 paġni, ġie stampat f'Għawdex stess minn A&M Printing Ltd tal-Qala.*

*Il-ktieb jitkellem minn bosta okkażjonijiet li fihom li fihom jingħad li dehret il-Madonna, kif ukoll minn okkażjonijiet li fihom jingħad li xi xbieha jew statwa tal-Madonna xerrdet id-dmugħ.*

*L-awtur isemmi mijiet ta' okkażjonijiet minn dawn li ssemmew tul il-kors ta' l-istorja tal-Knisja. Il-biċċa l-kbira jingħataw billi sempliċement jissemmew fi ftit linji. Iżda oħrajn, mhux inqas minn tletin waħda, huma mniżżla bid-dettallji tagħhom.*

*Il-ktieb jibda bi studju u kummenti fuq l-istess storja tad-dehriet tal-Madonna tul il-kors tas-sekli. Dawn li b'kollox jieħdu sa paġna 18, huma mqassma f'diversi perijodi ta' sekli u fihom jissemmew b'mod partikulari xi wħud li ħallew aktar minn oħrajn l-istampa tagħhom fl-istess storja.*

*Wara dan l-istudju, li Mons. Gauci sejjaħ "**Kelmtejn qabel**", u wara daħla ta' żewġ paġni, jibdew it-tliet taqsimiet tal-ktieb. Kull waħda minn dawn fiha diversi kapitli.*

*L-ewwel taqsima li fiha 9 kapitli, tagħti d-dehriet skond il-kategorija ta' bnedmin li lilhom il-Madonna ntqal li dehret. Dawn jibdew mill-ewwel żmenijiet tal-Kristjaneżmu, tant li saħansitra tissemma d-dehra lill-Appostlu San Ġakbu l-Kbir fi Spanja. Id-diversi kapitli jaqgħu taħt ismijiet bħal "**Dehriet lill-qaddisin fl-ewwel millenju**", jew "**Dehriet lil Saċerdoti**", inkella "**Dehriet lill-Mistiċi**" u "**Dehriet dikjarati awtentiċi**".*

*It-tieni taqsima tagħti f'ċertu dettal listorja ta' tletin minn dawn l-okkażjonijiet. L-ewwel kapitlu jitkellem mid-dehra tal-Madonna lil San Juan Diego ta' Guadalupe, u l-aħħar kapitlu mill-istorja tal-Madonna ta' l-Għar tal-Knisja tad-Dumnikani fir-Rabat ta' Malta. Huwa f'din it-taqsima li jaqgħu dehriet bħal dawk ta' La Salette, Lourdes u Fatima.*

*L-aħħar taqsima forsi hija dik l-aktar importanti fis-sens prattiku ta' spiritwalita', għax fiha mhux inqas minn 21 titlu differenti, din it-taqsima tagħti l-istess messaġġi tal-Madonna. Filwaqt li ż-żewġ taqsimiet ta' qabel jitkellmu mil-lat storiku ta' l-okkażjonijiet infushom, it-tielet taqsima tagħti l-istess kliem li l-Madonna ħalliet bħala messaġġi għall-bnedmin. Dawn il-messaġġi jinsabu miġbura taħt titli bħal "Il-Kleru" jew "Dnubiet u Ħażen", inkella "Il-Politiċi" jew "L-Aħħar Żmenijiet".*

*Jidher ċar li, biex deher dan il-ktieb, kellha ssir riċerka kbira li fiha ntużaw ħafna kotba. Il-ktieb huwa mżewwaq b'għadd sabiħ ta' stampi. L-istil huwa wieħed mexxej u li jiftiehem minn kulħadd, filwaqt li l-istampa hija ċara ħafna. Peress li ġew stampati biss 300 kopja, u sabiex il-ktieb jinbiegħ mingħajr ebda qliegħ, iżda biss biex tixtered id-devozzjoni lejn il-Madonna, dan il-ktieb jista jinkiseb biss mingħand l-istess awtur. Ċempel 2155 6745.*

***Fr. Ruben Micallef***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 112

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2003

## PROVIŻJONI TA' ĦOBŻ LILL-PJAZZA

Id-dokument numru mija u tnax li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ftehim ma' ħames furnara għall-proviżżjoni tal-ħobż lill-pjazza, ftehim magħmul nhar id-9 ta' Frar, 1703. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 92r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 92r).

***Riferisce Vittorio Grech servitore della Casa Governatorile d'haver per ordine de' supplicati Signori Giurati di questa Università precettato allo infrascritti fornari che sotto pena di tarì quindici, applicandi ad utile d'essa Università, che d'oggi innanzi debbano giornalmente far pane di frumento per questa piazza, d'oncie tredici l'uno, ben cotto e condittionato, conforme la prova fatta dagli attaccapani e non permettere che detta piazza sia sprovista del pane, altimente cioè, a:***

***Giuseppe Cumbo, Maria Sultana, Maruzza Farrugia, Ambrogio Vella, Michele Borg***

***In presenza di Paschale Xeberras e Giovannuzzo Habeyer, testimoni.***

Vittorio Grech, wieħed mis-servi fid-dar tal-Gvernatur tqabbad mill-Universitas biex idur lill-furnara ħalli jara min minnhom kien interessat jintrabat ħalli ta' kuljum iforni l-ħobż lill-pjazza.

Il-pjazza tirreferi għall-*piazza d'armi*, jiġifieri il-gwarniġjon tal-gżira ta' Għawdex li minn żminijiet imbegħda kien jiltaqa' fil-pjazza tal-kastell jew Ċittadella li kien obbligat jiddefendi mill-għedewwa.

Il-membri tal-pjazza kellhom id-difiża bħala xogħol ewlieni tagħhom, jiġifieri kienu jaħdmu b'mod permanenti jew *full-time*. B'differenza tal-membri tad-dejma, li kellhom l-obbligu jgħassu x-xtajta ta' madwar Għawdex u li xogħolhom kien temporanju jew *part-time*.

L-ordni biex jinstabu l-furnara ħarġet mill-Universitas. Kienet infatti l-Universitas li, mid-dħul tat-taxxi li kellha, riedet tipprovdi għall-għajxien tal-gwarniġjon. Madankollu, il-veru kap tal-gwarniġjon kien il-Gvernatur ta' Għawdex, li kien jirrappreżenta l-Granmastru fil-gżira. Kien għalhekk li biex jinstabu l-furnara għall-pjazza tqabbad wieħed mis-servjenti fid-dar tal-Gvernatur.

Vittorio Grech li dar il-furnara kollha spjegalhom il-kundizzjonijiet: l-ewwel, riedu jipprovdu l-ħobż ta' kuljum, ħdud u festi inklużi; it-tieni, riedu jaħmu ħobż tal-qamħ; it-tielet, kull ħobża kellha tkun tiżen tlettax-il uqija; ir-raba', il-ħobż ried ikun magħġun tajjeb u moħmi sewwa, bħal dik il-ħobża li kienet saret mill-furnara fil-preżenza ta' l-attakkapani, l-uffiċjali responsabbli mill-kwalità ta' l-ikel u mill-indafa fis-suq; il-ħames, min kien sejjer jintrabat jagħmel il-ħobż lill-pjazza, u mbagħad jonqos li jagħmel hekk kien jeħel multa ta' ħmistax-il irbiegħi (0.26 Ewro), multa li kellha tittieħed kollha mill-Universitas.

Il-prezz tal-ħobż mhux speċifikat, għax, naturalment kien sejjer jitħallas skond prezzijiet kurrenti.

Il-ħames furnara li aċċettaw kienu Gużeppi Cumbo, Marija Sultana, Maruzza Farrugia, Ambroġ Vella, u Mikiel Borg. L-iffirmar tal-ftehim għall-proviżżjoni tal-ħobż lill-gwarniġjon kien iffirmat nhar id-9 ta' Frar, 1703. Kienu xhieda Paskal Xeberras u Givannuzzo Habeyer.


Pro Regimine
Die 9 febraro 1703.
Riferse Vittorio Grech serv.re della Casa Gov.le d'haver per ord.e de' supp.ti Sig.ri Giurati di questa Univ.tà precettato all'infra.tti fornari che sotto pena di tarì quindici ap=plicandi ad utile d'essa Univ.tà che d'oggi innanzi debbano giornalmente far pane di formento per questa piazza d'oncie tredici l'uno ben cotto e condittionato conforme la prova fatta dagli Attaccapani e non permet=tere che d.a piazza sia sprovista del pane altimente cioè a
Giuseppe Cumbo — Maria Sultana — Maruzza Farrugia —
Ambrogio Vella — Michele Borg —
In presenza di Paschale Xeberras e Giovannuzzo Habeyer testimoni

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (14)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

(ikompli mill-ħarġa ta' Jannar 2003)

## 4. ALLA U L-ĦLEJJAQ TIEGĦU

Ħafna mill-popli antiki għandhom l-istejjer tagħhom dwar il-bidu tad-dinja u tal-bniedem. Biżżejjed insemmu li fil-Lvant Qarib biss, kellhom rakkonti bħal dawn, kemm l-Eġizzjani, kif ukoll is-Sumerjani u s-Siro-Babiloniżi.

Il-Lhud ukoll, fil-kotba sagri tagħhom kellhom dawn l-istejjer: difatti fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-Ġenesi, insibu żewġ verżjonijiet ta' rakkonti jew deskrizzjonijiet tal-opra tal-ħolqien. Il-Knisja Kattolika żżomm il-Ġenesi bħala ktieb ispirat minn Alla, u l-istejjer li hemm fl-ewwel kapitli bħala għajn ta' tagħrif ta' min joqgħod fuqu dwar l-opra tal-kreazzjoni. Huwa importanti ħafna, pero`, kif jitfissru jew jiġu interpretati dawn iż-żewġ siltiet tal-Iskrittura; ta' min jara ukoll kif dawn ir-rakkonti jistgħu jiġu rikonċiljati ma' sejbiet tax-xjenzi moderni.

L-istorja tal-kreazzjoni tal-Ġenesi mhix irrakkontata fi kliem xjentifiku iżda bi kliem addattat biex jista' jiftiehem minn poplu primittiv, kif kien il-poplu Lhudi li lilu Alla mar jagħti r-rivelazzjoni tiegħu. Dan il-poplu kellu idejat li huma għal kollox differenti minn dawk tal-bniedem modern imdawwal bis-sejbiet tax-xjenza. Hekk, per eżempju, kienu jaħsbu li d-dinja hija ċatta u mhux sfera kif nafuha aħna, u li x-xemx iddur madwarha.

Mir-rakkont bibliku tal-kreazzjoni, anki l-Lhud ta' qabel Kristu setgħu jitgħallmu diversi veritajiet reliġjużi, li jagħmlu parti mit-twemmin tagħhom; fost l-oħrajn, minn dak ir-rakkont nafu li Alla wieħed biss hemm, u li dan Alla huwa ħallieq ta' kollox, anki tax-xemx, il-qamar u l-kwiekeb li ċerti popli antiki kienu jqimu bħala allat tagħhom. Biex wettaq il-ħolqien Alla ma ġarrab ebda tbatija, iżda kollox sar b'att tar-rieda libera tiegħu.

### Il-kreazzjoni, verità rivelata minn Alla

Minn dak li għidna sa issa nikkonkludu li minkejja xi diffikultajiet li jista' jkun hemm kemm fl-interpretazzjoni kif ukoll fil-mod ta' rikonċiljazzjoni tal-ġrajja tal-ħolqien max-xjenzi tal-lum, jirriżulta ċar li sa mill-ewwel ktieb tal-Bibbja Alla jirrivela lill-bnedmin il-ġrajja tal-għaġeb tal-ħolqien: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (Ġen 1,1). L-ewwel ħaġa, mela, li Alla qalilna dwaru hija li d-dinja ma kenitx teżisti sa minn dejjem, iżda kellha bidu, u li hija taf l-eżistenza tagħha lil Alla li huwa l-Ħallieq ta' dak kollu li jeżisti barra minnu nnifsu.

"Ħalaq" ifisser li għamel mix-xejn, u mhux ifforma jew sawwar ħaġa ġdida minn xi ħaġa oħra li kienet teżisti qabel. Il-kreazzjoni, biex ngħidu hekk, hija l-passaġġ instantanju mix-xejn għall-eżistenza. Il-kreazzjoni għalhekk hija għemil li jeżiġi qawwa infinita, hekk li Alla biss jista' jwettaq għemil bħal ma hija l-kreazzjoni.

Fi kliem ieħor, qabel ma seħħ l-att li bih Alla ħalaq l-univers, ma kien jeżisti xejn: ebda bniedem, ebda anġlu, ebda dinja u l-anqas ebda wieħed mill-elementi li minnhom magħmulin il-ħwejjeġ materjali.

**1.** L-ewwel silta meħuda mill-Ġenesi 1,1-31 hija din: *Fil-bidu, Alla, ħalaq is-sema u l-art. Fl-ewwel jum Alla qal: "ħa jkun id-dawl" u d-dawl sar.(v.3) It-tieni jum Alla qal: "ħa jkun hemm medda f'nofs l-ilmijiet u tifred ilma minn ilma". U Alla għamel il-medda u fired l-ilma ta' taħt il-medda mill-ilma ta' fuq il-medda, u hekk sar. U l-medda Alla semmiegħa sema.(vv.6-8). It-tielet jum Alla qal: "Ħa jinġemgħu naħħa waħda l-ilmijiet ta' taħt is-sema u jidher l-inxief", u hekk sar. U sejjaħ Alla l-inxief art u l-ġemgħa tal-ilma sejħilha baħar. U nibbtet l-art il-ħaxix, ħaxix li jagħmel iż-żerriegħa skond għamlietu" (vv.9-12). Ir-raba' jum Alla qal: "Ħa jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema biex jifirdu il-jum mil-lejl", u hekk sar. U għamel Alla żewġ imnariet; l-imnara l-kbira biex triegi l-jum u l-imnara ż-żgħira biex triegi l-lejl u l-kwiekeb (vv.14-16). Il-ħames jum qal Alla: "Jiżgħed l-ilma kotra ta' ħlejjaq ħajjin u jittajru t-tjur fuq l-art fil-wesgħa tas-smewwiet. U Alla ħalaq il-ħut il-kbir u l-annimali kollha li jitkaxkru li bihom miżgħud l-ilma u t-tajr bil-ġwienaħ skond ġenshom"(vv.20-21). Is-sitt jum Alla qal: "ħa tnissel l-art ħlejjaq ħajja skond ġenshom: bhejjem tad-dar,*



*annimali li jitkaxxru u bhejjem selvaġġi", u hekk sar (v,24). U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu, fuq xbieha ta' Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom* (vv.24-27) B'dan il-kliem, l-awtur ispirat jippreżenta b'mod skematiku u artistiku l-verita` li l-univers huwa ta' Alla; kollox jappartieni lil Alla. Id-dinja kienet maħluqa minnu bil-għan li sservi bħal għamara tal-bnedmin. Din l-istorja popolari kienet irrakkontata b'mod li taqbel mal-mentalita` tal-qarrejja ta' dak iż-żmien. Ir-rakkont huwa mqassam f'sitt epoki jew żminijiet. Bil-kelma "jum" ma għandniex nifhmu erba u għoxrin siegħa iżda perjodu ta' żmien li jista' jkun ta' ħafna sekli.

**2.** It-tieni storja tal-kreazzjoni nsibuha fil-Ġenesi 2,4-9 u hija din:

*"Dan hu nisel is-sema u l-art fil-ħolqien tagħhom. Meta Alla ħalaq is-sema u l-art; meta ma kien għad hemm ebda xitla tar-raba' fuq l-art; meta ebda ħaxix tar-raba' ma kien għadu nibet ... għax il-Mulej Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-art, u bniedem ma kienx hemm biex jaħdem l-art, u jtella' l-ilma fis-swieqi u jsaqqi il-wiċċ kollu ta' l-art ... il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ruħ ħajja. U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fil-Għeden; in-naħa tal-lvant, u qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar. U l-Mulej Alla nibbet mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel; u s-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin."*

Din is-silta ma tiddeskrivix is-sekwenza kollha tal-ħolqien, iżda tagħti biss id-dettalji meħtieġa biex tkun tista tiftiehem aħjar il-ġrajja tal-ġenna ta' l-art.

**3.** Fil-Bibbja tar-Rabta l-Qadima, hemm mill-inqas żewġ riferenzi oħra għall-opra tal-kreazzjoni. Hekk fil-ktieb ta' Ġob 38,4-39 insibu li Alla qal lil Ġob: *"Fejn kont int jien u nqiegħed sisien l-art? Għidli jekk għandek id-dehen. Min ħażżiżhom il-qisien tagħha? Min ħadilha l-qjies? Żgur taf int! Fuqhiex qed iżommu l-kolonni tagħha? Min qiegħed ras il-minkeb tagħha, hi u tagħni l-ġemgħa tal-kwiekeb ta' filgħodu, u tgħajjat bil-ferħ ix-xirka ta' wlied Alla? Min kien dak li għalaq il-baħar bħal b'bibien, meta dan b'qawwa ħareġ mill-ġuf ?..."*

Dan id-djalogu jigglorifika l-omnipotenza ta' Alla murija fil-ħidma tal-kreazzjoni, u għalhekk il-bniedem għandu jagħraf ix-xejn tiegħu u joqgħod għal dak li tqassam il-Providenza.

**4.** Is-Salm 104 (103) jiddeskrivi l-attributi ta' Alla inviżibbli, u speċjalment il-maesta` tiegħu: *"Bierek ruħ tiegħi il-Mulej! Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta... Inti frixt is-smewwiet bħal tinda, waqqaft fuq l-ilma l-għamajjar għolja tiegħek. Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej; kollha bil-għerf, għamilthom; mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek. Dan il-baħar ta' kobor bla qies..."*

*(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tlettax-il Parti )*

L-annimali jistgħu jbassru wkoll it-temp mir-rjieħ. Araw dan il-qawl, "**Meta l-gawwi jkun jogħla flimkien, ikun ġej ir-riħ**". Il-kelma "**gawwi**" tfisser tjur ta' l-arja. Mela m'hix ħaġa kbira li dan it-tajr iħoss minn qabel iċ-ċaqliq ta' l-arja li jkun ġej. Qawl simili jfakkarna, "**Meta l-gawwi jidħol l-art, ikun ġej il-maltemp**". Is-soltu l-gawwi jżomm għal fuq il-baħar. Mela meta jersaq lejn l-art tkun indikazzjoni ġara li t-temp se jeħżien u r-riħ se jogħla.

Għasfur ieħor li jiġi affettwat mir-riħ hu l-malvizz. Il-qawl igħid li "**Meta l-malvizz izekzek bil-lejl, riħ nofs in-nhar**". Meta l-għanja tal-malvizz hija indikazzjoni ta' x'riħ ikollna, u r-riħ ikun nofs in-nhar, ġej min-naħa tas-sud.

Ħafna nies jippruvaw ibassru t-temp minn kif iġib ruħu l-qattus. Dan l-annimal fessud tagħna wkoll jista' jagħtina xi ħjiel ta' temp se jagħmel. Imma biex tifhmu sewwa tkun trid taf xi jgħidu sewwa l-qwiel qodma tagħna. Li taqbad u tfajjar bl-addoċċ ma jagħmilx sens u tista' toħroġ diżiluż. Araw, mela, "**Il-qattus jaħsel wiċċu lejn fejn ikun ġej ir-riħ**". Mela hawnhekk għandna eżempju ieħor ta' kif nistgħu nsibu l-pożizzjoni minfejn ikun qiegħed jonfoħ ir-riħ. Il-qattus jaħsel wiċċu jħares fid-direzzjoni ta' minfejn ikun ġej ir-riħ. Fil-każ ta' sema msaħħab jew ta' maltemp għandna dan il-qawl, "**Meta l-qattus joħroġ f'xi gallerija, għid li tkun ħierġa x-xemx**". Il-qattus iħobbha ħafna x-xemx. Għalhekk jaħsbu li meta dan il-qattus joħroġ għax-xemx fil-gallerija (u anki x'imkien ieħor, la ġejna f'dan), din fil-fatt tkun dalwaqt toħroġ. Mela l-qattus jimmarka wkoll il-bnazzi.

Tajra oħra marbuta mal-bidla fil-pożizzjoni tar-riħ hija s-serduk. Infatti hawn min jaħseb li "**Ikun se jdur ir-riħ, meta jiddnu s-sriedek**". Insomma, is-serduk jidden għal diversi raġunijiet. Imma hawn mhux serduk wieħed jissemma, imma kor sħiħ, is-sriedek (jew sriedaq). Jista' jkun li meta jiddnu flimkien, ir-riħ ikun se jdur tassew.

Fl-aħħarnett irid ngħid li meta flok il-kelmiet "xita" jew "riħ" tissemma l-kelma "maltemp", dak in-nhar jista' jkollna minn kollox, kemm xita kif ukoll riħ.

***Iżjed Qwiel dwar l-Annimali***

Il-bdiewa jgħixu qrib l-annimali. Allura ma jistax jonqos li huma josservaw il-ħin kollu dawn il-bhejjem, kapaċi jifhmuhom, u anki jdaħħluhom tista' tgħid f'kollox fil-ħajja ta' kull jum. Dan il-gost u dan il-għerf jintilef kollu aktar ma n-nies tagħna tabbanduna l-biedja u t-trobbija ta' l-annimali. Għalhekk hu d-dmir tagħna li t-tagħrif kollu li nsiru nafu bih niġbruh, indommuh u nistudjawh, u hekk inħalluh wirt lil ta' warajna.

Nibdew bl-ewwel qawl, "**Raba' xagħri u niġġiemi ftit weraq jibqagħlek għall-għabur.**" Għabur huwa ħaruf jew muntun ta' sena u niġġiemi tfisser li jħobb jikber in-niġem fih. Niġem ifisser ħaxix tar-razza taż-żara' u tal-qasab, li għeruqu jimxu taħt il-ħamrija u għalhekk diffiċli biex teqirdu. Fejn jikber hu r-raba' ma jkabbarx prodotti oħra. Mela raba' bħal dan ma jagħtix ħaxix ieħor għall-merħla tan-ngħaġ u l-imtaten.

"**Ix-xagħri u x-xtut, leħjet l-utut**". Utut hija l-plural ta' wott, bil-Għawdxi u wett bil-Malti, kelma li tfisser bdabad, plural ta' bodbod. Ir-raba' ta' l-inħawi tal-baħar u tax-xagħri jissejjaħ hekk għax ikun kollu veġitazzjoni tipika ta' art bħal din, aktarx mimli xtieli tax-xirbebb (bil-Malti xurbett), u tax-xebb jew xeħt l-irmied li huma mxebbħa mad-daqna tal-bodbod.

"**Silla m'ogħla l-ħitan tkun senet il-ħmar**". Is-silla hija l-aktar ħaxixa li jħobb jiekol il-ħmar. F'Għawdex is-silla ħafna drabi tikber weħidha. Ir-raġuni hi li jekk is-silla ma tinħasadx, din tagħmel kwantita' kbira ta' żerriegħa. Issa ż-żerriegħa tas-silla hi pjuttost iebsa u ħarxa, u qabel ma titherra sewwa ma tinbitx. Jiġri wkoll li ma titherriex kollha l-istess. Allura kull sena tinbet biss dik iż-żerriegħa



li tkun therriet sewwa. Iż-żerriegħa l-oħra tibqa' għal sena oħra. Għalhekk tinbet weħidha u ddum tinbet minn sena għall-oħra bla ma wieħed ikollu għalfejn jerġa' jiżra'. Hawn ta' min ifakkar ukoll li s-silla hi ħaxixa tipikament ta' Għawdex. Din l-istess silla f'Malta ma tikbirx l-istess, u għalhekk kultant żmien il-Maltin ikollhom bżonn jiġu hawn ħalli jieħdu ż-żerriegħa minn Għawdex biex hekk tirnexxi iżjed. Ħadd ma jaf għaliex jiġri dan il-fenomenu. Niġu issa għal qawl. Meta tagħmel ħafna xita, is-silla tikber ħafna. Għalhekk il-ħmar ikollu fejn jixxala aktar minn snin oħra. Tkun verament is-sena tal-ħmar, għax ikollu x'jiekol kemm irid.

"**Turi d-debba u tqabbeż il-ħmara**". Dan il-qawl jaħġen fih il-metodu ta' kif dari kienu jnisslu l-bgħula minn ħmara u minn żiemel.

L-annimali biex jitgħammru u jnisslu jridu jkunu bil-ħorma, jiġifieri jkollhom is-saħna sesswali fiż-żmien tagħhom. Issa d-debba u l-ħmara aktarx ikollhom il-ħorma fl-istess żmien. Mal-ħorma, huma jerħu ċerta rieħa biex l-irġiel (iż-żiemel u l-ħmar) jinġibdu lejn il-mara u jgħammruha. Issa żiemel jinġibed lejn id-debba, għax din hija ta' l-istess speċi jew razza tiegħu, u mhux lejn il-ħmara, avolja din tkun bil-ħorma. Iż-żiemel, il-ħmara ma jagħtix kasha.

Issa dawk li jrabbu l-bhejjem kienu juru d-debba liż-żiemel, imma ma jħalluhx jersaq lejha. Wara dan, jimsħu n-natura tad-debba b'biċċa ċarruta, u mbagħad jimsħu biha n-natura tal-ħmara biex ikollha l-istess rieħa bħal tad-debba. Liż-żiemel, jerġgħu juruh id-debba, jgħammduh, u mbagħad iressqulu l-ħmara, u hekk iż-żiemel jaħseb li jkun se jgħammar id-debba, u jaqbeż għal fuqha. Hekk mela, liż-żiemel litteralment juruh id-debba u jqabbżuh il-ħmara!

Wara li ż-żiemel jgħammar il-ħmara, l-wild(l-*offspring*) li titwieled tkun bagħal jew bagħla. Il-bagħal u l-bagħla ma jkunux fertili u, għalhekk, ma jistgħux jitgħammru u jkollhom il-frieħ. Imma dawn l-annimali kienu ta' ħtieġa kbira għall-bdiewa għax-xogħol u biex iġorru l-prodotti bihom.

Proprjament wild il-ħmara u ż-żiemel jissejjaħ nagħal jew nagħla (bir-rgħajn). Din il-kelma m'għandhiex x'taqsam mal-kelma nagħal jew nagħla (bil-għajn), li jwaħħlu f'saqajn il-bhejjem.

"**Qabil il-bagħal jidher meta hu tad-debba jew tal-ħmar**." Meta jħalltu d-debba mal-ħmar, jew il-ħmara maż-żiemel, il-wild jew l-ulieda jkun bagħal jew bagħla, li kif għidna jkunu infertili, jiġifieri ma jistgħux ikollhom frieħ. Issa bagħal jew bagħla li jitwieldu minn ħmara jew debba jkunu ta' dehra u karattru differenti. Jingħad li l-bagħal jiġbed aktar lejn l-omm milli lejn il-missier. Bin id-debba (il-



bagħal) ikun isbaħ, jiflaħ ħafna, aktar ħafif u mqarqaċ, u tajjeb għat-tiġrijiet u biex wieħed jixxala jew jiddeverti bih. Mill-banda l-oħra, bin il-ħmara (innagħal) ma jkunx ta' dehra daqstant sabiħa għax ikollu rasu kbira, widnejh kbar, imma jkun ta' karattru aktar maniġġabbli minn dak ta' bin id-debba, għax jimxi u jaħdem aktar bil-mod u jiflaħ għax-xogħol. Imma, dari l-bgħula fil-maġġoranza tagħhom kienu jkunu bin id-debba, xi drabi anki sa tmienja minn kull għaxra.

### *Il-Milwa*

Meta bhima kienet iġġib ruħha ħażin, speċjalment meta jkunu jnegħluha, biex irażżnuha kellhom "**il-milwa**". Din kienet biċċa għodda folkloristika magħmula minn injama b'rumnell li bih jorbtu x-xoffa tal-bhima bħalma hi żiemel, ħmar jew bagħal, biex permezz tal-brim irażżnuha u hekk ma jħalluhiex tkompli tagħti bis-sieq.

### *Kif jofsdu bhima*

Meta l-bhima (żiemel, bagħal, ħmar) tibda tħokk kienu jofsduha billi jaqsmulha vina minn koxxitha jew minn għonqha u jħallu d-demm joħroġ. Wara dan iħitu l-ferita hekk: B'labra tar-ras itqabbu l-vina, u wara jilwu l-labra bi tnaljetta. Mit-toqba li tagħmel il-labra jgħaddu xagħra twila tal-bhima stess, wara li jnaddfuha b'idejhom, u jorbtuha u jħallu kollox għal ħamest ijiem. Wara jaqtgħu u jneħħu kollox.

Dan ix-xogħol kien isir minn dak li jniegħel il-bhejjem, imma ma baqax permess, u għalhekk beda jsir bil-moħbi.

"**Baqra tidres fuq l-andar, ġid fuq ġid". Hawnhekk għandna qawl antik li ġej miż-żmien meta kienu jidirsu fuq il-qiegħa bil-baqar u l-gniedes**. Ladarba kienu joħorġu dawn l-annimali l-bidwi kien ikollu ħafna x'jidres. Dan ifisser li ż-żara' f'dik is-sena partikulari jkun għamel ħafna, u jagħti ħafna tgħam. Għalhekk ġid fuq ġid. Ma ninsewx andar huwa post fejn ikun hemm il-qiegħa jew il-qigħan, għax jista' jkun hemm iżjed minn waħda, kif ukoll il-ħalel taż-żara' biex jindieres u t-tiben, li jkun inħadem diġa'.

Issa għandna qawl kuntrarju: "**Serp imdawwar ma tengħuta, għaks fuq għaks**". It-tengħuta hija xitla selvaġġa tar-razza ta' l-ewforbja li, meta taqsamha, miz-zokk joħroġ bħal ħalib abjad. Dari dan il-ħalib kienu jużawh biex ineħħu l-kallijiet. Iżda għaliex meta s-serp idur ma din ix-xitla jfisser sena tal-għaks, jew għaks kbir, għadni ma stajtx insib u lanqas nifhem. Jista' jkun, għalhekk, li dan il-qawl hu bbażat fuq it-twemmin fieragħ jew is-superstizzjoni. Iżda hawn nerġa' nfakkar li qatt ma għandna noqtlu s-sriep għax dawn jagħmlu ħafna ġid fir-raba' billi jieklu l-ġrieden. M'għandux x'jaqsam li ħafna nies jibżgħu minnhom u jkollhom it-tentazzjoni li joqtluhom. Meta noqtlu serp inkunu qtilna ħabib li jżomm il-popolazzjoni tal-ġrieden baxxa. U m'għandniex xi ngħidu, il-ġrieden jagħmlu ħafna ħsara kulfejn ikunu, u dan kulħadd jafu.

### *In-Nida u ċ-Ċpar*

Ta' interess ukoll għall-biedja huwa dak il-fenomenu magħruf bħala "**in-nida**". Għalkemm il-kelma nida tixbah il-kelma xita, fil-fatt hi kelma maskili u mhux femminili bħal xita. Għalhekk, minn nida nagħmlu nidja, li tfisser ftit nida. Iċ-ċpar ifisser sħaba qrib l-art. Iċ-ċpar inaqqas il-viżibilita', jiġifieri ma nkunux nistgħu naraw sewwa, u jkun akkumpanjat minn ħafna nida b'tali mod li tkun qisha għamlet ix-xita.

Qabel xejn in-nida jiġi hekk: Meta l-arja tkun sħuna u umda, ikun fiha ħafna fwar ta' l-ilma. Issa meta bil-lejl tiksaħ, dak il-fwar isir qtajriet mill-iktar żgħar ta' l-ilma u jxarrbu kullimkien. L-ewwel ma jixxarrbu hemm oġġetti u wħuħ li jikshu malajr bħal landa, ħadid, rħam, konkos, ħġieġ u oħrajn. Għalhekk, meta jaqa' n-nida, naraw il-karrozzi u ħafna affarijiet oħra mxarrbin għasra.

Izda n-nida m'hux xita. Għalhekk ħadd m'għandu jippretendi, per eżempju, li jimla l-bir bl-ilma tan-nida. Imma meta l-bżonnijiet tagħna huma ftit, dak il-ftit nistħajluh nida jew id-dawl nixxiefi tal-qamar. Hekk (għal gżiritna) il-qawl igħidilna, "**In-nida jgħarraqha u l-qamar inixxifha**".

In-nida xi drabi jagħmel ħafna ħsara fir-raba'. In-nida jista' jġib il-mard u l-ġlata, l-aktar meta jkun temp bi bnazzi żejt u kesħa kbira. L-ilma tax-xita dejjem iżomm it-temperatura xi ftit aktar għolja.

In-nida jissemma ħafna fil-qwiel dwar il-qoton. "**Jekk jaqa' n-nida lejlet Santa Luċija, il-qoton jitrabba bla tbatija**". Jidher li l-bdiewa ta' dari kienu jaraw relazzjoni bejn jum umdu ta' Diċembru u żrigħ tal-qoton is-sena ta' wara. Il-qoton, l-aktar meta jkun jitlieħaq, jibża' ħafna min-nida, għax minħabba n-nida jista' jitherra, jiswied u jikrieh. Għalhekk il-qawl iwissina, "**Il-qoton ma jibżax mix-xemx qawwija; jibża' miċ-ċpar bosta u mit-tniddija**". F'dan il-każ igħidu wkoll "**il-qoton beda jgħammmex**", jiġifieri jitherra u jitħassar. Qoton bi ħsara bħal din jissejjaħ għammiex. Iżda wċuħ bħal qamħ u x-xgħir imorru tajjeb man-nida u jikbru iżjed. Hekk il-qawl ifakkarna, "**Ħarġa middija, sbula mimlija**".

(Jissokta)

HILITE
HARDWARE STORE
***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Da Luigi's**
**Restaurant & Wine Bar**
*For the finest food & best selection of wines*
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

A Whole New Look
*Sharmain's Styling Salon*
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**





**Bar**
**Restaurant Pizzeria**
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**Our Pizza Oven Speaks Italian**





Smuggler's Cave
Bar ♦ Restaurant ♦ Pizzeria
Il-Menqa - Marsalforn
Tel: 21 551005 - 21 551983, Fax 21 559959

**TEKNO ZONE**
T.V.'s, Hi Fi Systems, Satellite Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Fortunato Mizzi Street, Victoria Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 99491809 / 99854176
email: teknozon@maltanet.net





**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
• *St. Simon Street, Xlendi, Gozo* •

Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 21 550248 Mobile: 99446833

**FUQ L-INTERNET**
**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**






# Il-Mużew tal-Katidral

## (It-Tieni Parti)

F'niċċa fil-ħajt insibu d-diṣinn u l-abbozz tal-arzella tal-orgni tal-Katidral, xogħol ieħor ta' Ġanni Vella. Dan ħadmu fis-sena 1957. F'din il-parti niltaqgħu ma', statwetti maħduma minn artisti differenti. Aktar pittura u naraw lil Santa Roża ta' Lima, xogħol qrib ħafna ta' Gian Nikola Buhagiar. Santa Zita, San Gakbu u Santa Barbara, xogħol minn idejn Stefano Erardi; il-Madonna bil-Bambin Gesu` x'aktarx ta' l-iskola ta' Guido Reni; imbagħad insibu pittura x'aktarx, ta' Giulio Cassarino (1623) li tirrapreżenta lil Santa Katarina ta' Alessandria ma' Joannis Castelletti. Il-kwadru tal-Ħarba lejn l-Eġittu huwa attribwit lil-Filippo Paladino (1544-1616). Fl-aħħar insibu pitturi ta' San Publiju u l-martirju ta' Sant' Agata, u fuq in-naħa t'isfel pitturi tal-fundaturi tal-kappella ta' Santa Marta li tinsab fit-Triq tal-Għonq fir-Rabat, li huma Felic Attard u martu Rożina (1865). Wara dawn hemm il-pittura ta' l-Isqof Gejtanu Pace Forno u żewġ pitturi titulari ta' San Ġilormu u Sant' Ursula.





Ta' nteress hemm għall-wiri kandelabru tal-ħadid li kien jintuża fil-funerali, albi b'xogħol tal-bizzilla ta' Għawdex u pjaneti b'rakmu fin ħafna. Ta' min isemmi wkoll it-tron li kien uża Il-Papa Ġwann Pawlu II meta żar il-Katidral fl-1990.

L-arkivju tal-Katidral jinsab f'dan is-sular ukoll, imma biex wieħed jidħol fih irid jagħmel appuntament. Fih jinżammu manuskritti, kotba antiki tal-mużika u editti storiċi tal-Papiet.

Jiena u ndur f'din is-sala tal-pittura ersaqt lejn tieqa kbira li tinsab tħares lejn in-nofs in-nhar, fejn wieħed igawdi veduta ta' nofs Għawdex b'Malta fil-bogħod, u fuq in-naħa tax-xellug hemm nota żgħira li tinfurmak li minn dak il-post eżatt inti qiegħed 150 metru 'l fuq minn wiċċ il-baħar. Interessanti.



### *Is-sala tal-fided*

Din is-sala tinsab taħt l-oħra fejn hemm l-intrata u kif juri l-isem hawn fuq hemm għall-wiri kwantita` varjata ta' oġġetti tal-fidda li kienu jew għadhom jintużaw fil-knisja Katidrali jew li ġew miksuba minn donaturi. Fost dawn ir-rikkezzi nsibu pittura tal-Verġni Marija fuq il-ġilda u magħluqa ġo relikwarju tal-fidda. Ta' interess għan-numismatisti hija l-kollezzjoni ta' flus ta' Malta u tal-Istat tal-Vatikan. Dawn huma hekk peress li huma f'forma ta' ħarġiet speċjali. Fil-kollezzjoni nsibu kemm il-sett ta' karti tal-glorja nkwadrati fil-fidda li kienu jintużaw fuq l-artali qabel il-Konċilju Vatikan II, kandlieri ta' daqsijiet differenti, speċjalment sett li jolqot l-għajn għal kobor li għandu u minnħabba li hu tal-fidda mastizz u miegħu hemm ukoll il-Kurċifiss. Dan is-sett jintuża' fil-festa ta' Santa Marija. Is-sett kien maħdum f'Heilborn fil-Ġermanja fl-1921 mid-ditta *Bruckman und Sohns*. Numru ta' slaleb pettorali flimkien ma' kull xorta ta' għodda liturġika, kalċijiet li barra l-fidda fihom ukoll xogħol ta' deheb fin, missali bil-qoxra tad-deheb u fidda u bosta oġġetti oħra li jkomplu jarrikkixxu dan it-teżor. L-aħħar iżda mhux l-anqas l-għajnejn jitpaxxew bix-xogħol tal-ventartal tal-fidda mastizz li fih il-basso-riljef tad-Dixxipli ta' Emmaws li nħadem fl-1970 mid-ditta *Rossetti* ta' Milan fuq disinn ta' Guże' Galea.

Referenzi: Bezzina Joseph
*The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum, History and Guide.*
*Gaulitana 2001.*

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
**Tel:** 356 2156 0180, 356 2155 6476 **Mob:** 9949 5700
**Fax:** 356 2156 0181
**Email:** travel@linksmalta.com **Web:** www.linksmalta.com

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Fra Baskal (1869-1937) 2. Devot ta' l-Ewkaristija u tal-Madonna

**jikteb Angelo Xuereb**


Is-Santwarju tal-Kapuċċini

Fra Baskal, ta' reliġjuż ġenwin li kien, kellu imħabba mill-aktar sinċiera lejn is-Sagrament u lejn il-Madonna.

Infatti s-santa tal-mewt tiegħu tixhed biżżejjed id-devozzjoni li kellu lejn Ġesù Sagrament. Naqraw fuq din is-santa: "Fra Baskal kien imsaħħar wara Ġesù Sagrament; l-aħħar li jħallih mal-lejl u l-ewwel li jmur fejnu biex jadurah; dejjem attent biex ma jħallihx fid-dlam, anki fl-istess ħin tal-mistrieħ ġie li niżel ħames darbiet fil-Knisja biex ma jħallix jintefa' il-lampier ta' Ġesù Sagramentat".

P. Anġlu Mizzi fil-ħajja tiegħu ta' Fra Baskal jgħid: li dan l-ajk kien iqum minn tliet sa ħames darbiet kull lejl sabiex jinvistah. Iżda biex ma jagħtix fil-għajn kien jgħid li kien iqum minħabba l-lampa. U jsaħħaħ l-argument tiegħu li Fra Baskal ma kienx iqum minħabba l-lampa, li kienet iddum tixgħel għal sigħat twal, iżda sabiex jaqta' l-għatx li kellu sabiex jadura lis-Sagrament. Din ma kenitx ħeġġa ta' darba u daqshekk iżda ippersevera f'din l-imġieba għal 47 sena li dam fil-kunvent.

Fra Baskal kellu mħabba ġenwina lejn Sidna Ġesù Kristu. Huwa kien dejjem iġib quddiem għajnejh Ġesù fis-Sagrament huwa vittma ta' l-imħabba tagħna. Il-fervur tiegħu lejn is-Sagrament kien jixgħel fih fil-festa tal-Korpus.

Żewġ fatti mill-ħajja tiegħu juruna din l-imħabba li kellu. Darba waħda kien qiegħed inaddaf l-artal tas-Sagrament, u għall-aktar rispett neża l-libsa ta' kuljum filwaqt li libes waħda tal-Ħdud u l-festi. Xi ħadd ġibed l-attenzjoni tal-gwardjan. Dan niżel u staqsieh il-għala kien qiegħed jagħmel hekk. Fra Baskal wieġbu: "*Fejn u meta nista' jien nidher b'libsa tajba, jekk mhux quddiem il-Mulej tagħna fis-Santissmu Sagrament ta' l-artal*". Il-gwardjan meta ra din il-ħeġġa tah il-permess biex ikompli jagħmel dan. Darba wieħed student staqsieh għaliex meta kien ikun fil-knisja ma jilbisx is-sandli. Fra Baskal kien pront wieġbu: "*Meta Alla deher lil Mosè, ma qallux: Inża s-sandli, għax din hija art imqaddsa? Kemm huwa, immela, iżjed imqaddes illum is-Santwarju bil-preżenza ta' Ġesù fis-Sagrament Divin*".

Kellu qima u devozzjoni kbira lejn il-Madonna. Sa minn meta kellu 14 il-sena kien jinżel fil-knisja tal-Kapuċċini u hemmhekk kien jgħaddi sigħat twal quddiem il-Madonna tal-Grazzja u kellu imħabba speċjali lejha taħt dan it-titlu. Kien iħobbha b'imħabba kbira filwaqt li jitlob b'ħeġġa kbira t-talba tar-Rużarju, hemm quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja fl-istess Santwarju.

Fra Baskal f'dan ir-rigward kien iben veru ta' San Franġisk ta' Assisi li għamel kemm seta' sabiex is-Sagrament ikun irrispettat u miżmum kif jixraq, filwaqt li kellu devozzjoni kbira lejn Ommna tas-Sema.






*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

# Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

*Għawdxin li għadna niftakru - 2* *Minn Pawlu Mizzi*

# FREDU TAR-REVERIST



Ma' Fredu tar-Reverist għaddejt l-iskola primarja kollha. Kellna l-istess żmien. It-tnejn tad-disgħa u għoxrin. Dħalna flimkien meta kellna ħames snin. Bdejna fil-klassi tal-'Ma u Pa' – mas- "ser Buhagiar" – u bqajna flimkien sat-*third* f'tas-"ser Attard" tal-arkitett. Għax kellna tnejn serijiet Attard u t-tnejn jgħallmu it-*third*. Attard l-ieħor kien mix-Xagħra bħas-"ser Buhagiar". U bħalu kien jaf imur mat-tfal. Qatt ma ltqajt ma tifel li gerger minnhom. Buhagiar għadu ħaj u llum għandu xi erbgħa u disgħin sena. Minn qalbi nsellimlu u nixtieqlu mit sena għomor.

Minn taħt idejh Fredu u jien konna bdejna triqtna 'l quddiem. Tlajna f'tas-"ser" Marċell ta' Nina – Alla jagħtih mitt Ġenna! – u wara fil-*first* ma s-*ser* Koli ta' Ġannozz. Fis-*second* kien jgħallimna s-ser Formosa. Mhux kulħadd kien tala'. Imma magħna kienu baqgħu ħbieb oħra: Pawlu tal-Merguli, Ġużeppi tas-Siku, Passetti, Pawlu ta' Prinu, Ġużeppi Zammit tal-Patri, Toni ta' Grezzja ta' Hili, iċ-Ċimella ...... barra oħrajn li bħalissa ma niftakarx. Dawn kienu sħabi li sawruli tfuliti. Imqarbin kemm tridhom, imma, kulwieħed kien tajjeb f'xi suġġett jew ieħor. Barra minn hekk ilkoll konna dejjem kollha lesti li naqbżu għal xulxin u ngħinu wieħed lil ieħor.

Fredu kien *champion* għall-Malti. Ma kienx hemm poeżija fil-ktieb li ma kienx jafha bl-amment. Minn kif jirfes sieqe fil-bitħa filgħodu kantalena waħda: 'Jisbaħ Toninu/Jibki kuljum/Għaliex mis-sodda/Ma jridx iqum'. Toni ta' Hili ġie li kien xi darba jaħbat jieħu għalih, l-iktar x'ħin jarana nidħku. Imma Fredu kien malajr jibdel id-diska, jaqbad la branzetta ma' Ġużeppi tal-Patri u jkanta: 'Għandi pupa wisq sabiħa/ Aħmar wiċċha bħall-peprin/Par għajnejn minn lewn is-sema/Bħalhom żgur ma ssibx ħelwin'.

Kien fih għors dan Fredu. Għax ferrieħi u ma jieħux għalih. Hu fost sħabi kollha l-iktar li baqa' stampat f'moħħi.

Is-"ser" Attard ta' l-Arkitett darba biex bħal iwissih għax kien qed jimmutettja, qallu: 'Int ma tikber qatt, Fred!' U jien ta' tfal li kont ġimgħa wara l-oħra kont immur nitkejjel miegħu biex nara kibirx. U hu kien jidħak jarani iqsar minnu u jgħidli: 'Għeddejtik b'xebrojn!'

Ħaġa ta' l-għaġeb, illum li xjeħt dik l-impressjoni li ħadt tiegħu ta' tifel li ma jikbirx ma tħassritx. Bħalma ma tħassrux impressjonijiet oħra bikrin ta' tfal bħalu li kibru miegħi. Uħud illum jokkupaw postijiet għolja. Imma baqgħu l-istess. Rashom ma ntefħitx! U, għalhekk, bqajt niftakarhom bi kburija!

Lil Fredu b'mod speċjali.

Dan Fredu kien differenti. Ma kienx jiġi l-iskola bil-fors bħat-tfal tal-lum. Kien jiġi għax ried jitgħallem. Kien jobdi u jibża' mis-surmast. Dixxiplina militari! Ma kienx jilħaq jgħidilna '*fall in*' li ma kontx tarah jieħu pożizzjoni u jistira idejh quddiemu biex jieħu d-distanza. Ħafna drabi biex jibbuffunja. Is-surmast, iżda, kien jagħlaq għajnejh. Anke jekk kien jarah bil-qorq jew b'qorqa waħda flok biż-żarbun. Kien ikun hemm oħrajn bħalu. Alla jħares, imma, jekk xagħaru ma jkunx maqtugħ u mimxut! Għax ma kienx jaħfirhielu.

Kuljum wara t-talba ta' filgħodu fil-bitħa, is-surmast il-kbir kien jiflina wieħed wieħed minn rasna sa saqajna. Xagħarna kien jifraqulna bil-lapis. U jżomm 'l bogħod minnha qisna għandna l-pesta. Konna nirgħexu jekk jgħajjat.

'Bħas-surmast Patist nagħmlulkom!' kienu ta' spiss iwissuna s-*serijiet*. Dan is-surmast Patist (missier l-isqof Ġużeppi Pace) kien kap ta' l-iskola qabel is-surmast Pietru ta' Theuma. Darba waqt l-*inspection* sab tifel b'widnejh mimlija għakar. Xenata sħiħa. Tant għajjat li kien hemm min għamel taħtu.

'Mur id-dar,' qallu, ' u għid lil ommok taħslek ħasla broxk! U għidilha,' kompla jgħidlu b'sollennità kelma kelma qisu minn fuq pulptu, 'toqgħod attenta li ma titfax l-ilma fil-baħar Mediterran, għax ikollna l-kbira diżgrazzja li Malta terġa' tingħaqad ma' l-Afrika!'

Fredu kien iħobb jirripeti din l-istorja biex idaħħakna. Darba waqt il-fila ta' l-*inspection* nisimgħu jfesfisli f'widnejja: 'Isimgħew, Pewl, kemm ħe jgħajjot ta' Petist! Ellewm me' l-Emerke jgħaqqednej!'

Kien kollu ċajt. Darba kif is-*ser* Attard dawwar wiċċu qabdu jġebbed għajnejh bħal taċ-Ċiniżi. Aħna dħakna. U biex ipattihielna, kif bdejna s-somom, wara d-duttrina, ħariġna barra jistaqsina t-*tables*. Bdielna b'tan-*nine*. Niftakar kif beda jagħjtilna kont tisma' labra taqa'. Anki kien hemm min kważi daħal taħt il-bank.

'Int! Fredu Spiteri, oħroġ. U warajh Cini, Cefai, Zammit u Mizzi'.

Fredu qam u ħareġ. U beda *one nine is nine*, Waqaf. Mhux għax kien injorant. Moħħu daqs tagħna kien ilaħħaq. Imma ma setax għas-somom bl-Ingliż. Aħna ukoll, tant li biex konna tgħallimna n-numri konna nqabblu magħhom xi kelma bil-Malti. F'tas-*ser* ta' Ġannozz konna ngħidu: *one*, il-ħarufa ta' San Ġwann; *two*, il-palazz tal-gvernatur; *three*, il-banda t'Indri; *four*, il-ħmara ta' Vitor; *five*, la xitwa u lanqas sajf; u hekk konna nkomplu nqabblu sat-*ten*.

Fredu ftakar u kif is-*ser* reġa' qallu, 'isa, *one nine is nine...*' biex jipprova jgħinu, Fredu pront għajjat: 'W ummoj tgħennej fowk il-għojn'. ("*U ommi tgħanni fuq il-għajn*")

U kulħadd infexx jidħak.

'Tagħmilieli xejn tal-ħelu!' qallu, 'Itlaqli 'l barra!'

U Fredu kutu kutu fetaħ il-bieb u baqa' barra sal-*break*.

Darb' oħra konna San Ġakbu għall-prietka ta' l-eżerċizzi. Fredu kien warajja, imrekken mal-ħajt tal-pilastru taħt id-disa' stazzjon tal-Vija Sagra, "Kristu jaqa' t-tielet darba taħt is-salib". Kultant jiġbidli fil-qmis u joqrosni biex inħares lura. Kien qed jieħu gost ibandal il-ħadida ta' l-istazzjon. Jien ma ridtx wisq biex nidħak. U dħakt u miegħi daħku dawk ta' ħdejna. Fredu kien fl-hena tiegħu jdaħħakna.

U Patri Wiġ Pizzutu ta' Santu Wistin jippriet ka fuq in-novissmi!

Minn fuq il-presbiterju s-*ser* induna. Ried jinfidna b'għajnejh! U minn wara l-patri jiġġebbed fuq ponot subajh, kultant jagħmel sinjal b'idejh biex jiġbdilna l-attenzjoni u ngħidulu ma jibqax ibandal il-kwadru. Fredu ma ndunax. U fit-telfa li kien fiha baqa' jbandal il-ħadida.

Is-*ser* Attard ma felaħx aktar. U waqqaf il-patri.

'Ieqaf ftit!' qallu. 'Għax Fridu Spiteri mhux kuntent li lil Kristu l-Lhud waqqgħuh tliet darbiet. Irid iwaqqgħu r-raba' darba!'

Fredu nħasad u ried l-art tibilgħu bil-mistħija x'ħin is-*ser* għajjatlu ħdejh u poġġieh għarkubtejh fuq it-taraġ ta' l-artal wiċċu lejn it-tfal l-oħra.

Hekk kienu ta' spiss jaħlulu ħinu l-iskola xi serijiet! Meta niftakar għadni sallum nirvilla ġo fija. Ma kontx nista' għal min kien jimxi b'arroganza. Fredu la kien imqareb u lanqas kiesaħ. Kien tifel ferrieħi u jħobb jara lil min kien ferħan bħalu. Kif jinduna li naqas, jew li kien qed iweġġa' lil xi ħadd, jieqaf u jitlob skuża.

U hekk baqa' anke meta sar raġel u rama bil-pitrolju.

'Skula bħuluk, imme, me tgħellimtx!' qalli darba, snin wara.

Daħku dawk li kienu qed jistennewh jimlielhom il-landa. Uħud fajru rashom bħal kieku biex imaqdruh. 'Min jaf x'kont tilħaq kieku,' qaltu waħda mara.

'Aħna naħtu,' qbiżt għidt jien.

'Naħtoj jin. Jin kott me ridthe l-iskule! Kin ħsibnej fiċ-ċuċutoj!'

U kompla jferra' u jkewwes l-pitrolju fil-lembut minn landa għal oħra, igedwed waħdu, u jidħak.

Fl-aħħar, donnu biex jiżvoga, infexx jgħanni bid-djalett għawdxi:

| | |
|---|---|
| *"Bel-putrulju" se nebqe' ngħajjot* | *"Bil-pitrolju se nibqa' ngħajjat,* |
| *menn fel-għodu se fel-għexije* | *minn fil-għodu sa filgħaxija;* |
| *endewr dejjim jin u l-ħmura* | *indur dejjem jien u l-ħmara,* |
| *kott, emme, me bkejt xurtije!"* | *qatt, imma, ma bkejt xortija"* |

Dħakna. Imbagħad dar fuqi u qalli:

'Mawr aronoj avukot, Pewl! Uh! Kikew! X'weħde dejn!

Kikew fluk riħe to' putrulju kin ikellej riħe to' ħellilejn!'

In-nisa werżqu bid-daħk qishom primi donni jgħajtu. Dak inhar, naħseb, instemgħu minn mil bogħod. Bla ma trid, tidħak tisimgħu. Għax dan kien l-għan ewlieni ta' Fredu. Li jdaħħak! X'ironija! Lanqas Anton Buttigieg ma kellu l-ħila jħarbex ħajku bħal dak qabel għoxrin sena!

Fredu spikka fil-għana. Effie Ciantar fuq ir-Rediffusion kien jiskanta bih. Kulħadd kelma waħda: "Bħal Fredu ma jgħanni ħadd!"

F'Għawdex issieħeb ma' Spiru Sillato u Koli Apap u flimkien waqqfu l-Muskettieri Għawdxin. Kienet l-ewwel kumpanija tal-varjetà li tat spinta lill-għana bil-kitarra. Ma kienx hemm palk fil-gżira li ma tpaxxax bihom. Xi kappillani stiednuh anke fuq iz-zuntier tal-knisja tagħhom. Ismu biss kien jiġbed folol kbar.

'L-ukbar sudisfazzjun fl-usptorijiet,' qalli darba. 'Xiħe tudħak timlenej kuroġġ.'

'L-għana tiegħu differenti. Kien jgħanni biex idaħħkek!' qalli l-Budaj. Ma mirejtux. Il-Budaj, fil-fatt, għandu stil ieħor. L-għana tiegħu mimli filosofija. Bħall-poeta metafiżiku ngliż, John Dunne! Kif għidt meta twebbilt nippubblikalu l-ktieb "Mriżaq ta' Moħħi". F'kull vers ifittex 'l Alla. Jistħarreġ il-ħolqien u jipprova isib tifsira tal-misteri li jsawru għemil il-bniedem, aktar milli soluzzjoni għall-problemi tiegħu. Fredu la kien bħalu u lanqas bħall-Bambinu jew bħall-Bamboċċu. L-għana tiegħu kien qrib ir-realtà ta' ħajja sempliċi.



Għax l-għana popolari, kif jgħid Giuseppe Pitrè, studjuż sqalli tal-folklor ta' nofs is-seklu dsatax, huwa l-iżvog ta' bniedem imġarrab. Għalhekk il-ħabsin kienu għalih fost l-aqwa għannejja. Id-dwejjaq u s-solitudni taċ-ċelel kienu ispirazzjoni għalihom. F'pajjiżna wkoll sa ftit snin ilu l-bdiewa kienu jisbħu jgħannu t-toqol tal-jum li kien ikun ġej quddiemhom, huma u sejrin lejn l-għalqa. U l-istess il-mara fuq l-għajn! Kienet togħrok u tgħanni s-saram li jkun qed inikkitha. Xi kultant ukoll, bħal Gerit fil-ktieb "Is-Salib tal-Fidda" ta' Fr. Born, kienet toħroġ dak li jkollha fuq l-istonku tagħha biex tinki l-ġara jew tiftaħar b'għemilha.

Għax fl-għana l-għannej iserraħ qalbu, u jesprimi dak li jħoss, fin-niket u fil-ferħ, fl-imħabba u fil-mibegħda. Jinqeda bil-versi "tat-tmienja" għax joħorġu naturali. Laqtitni dan l-aħħar għanja ta' xi mija u ħamsin sena ilu. Żagħżugħ li kien sa jsiefer jgħanni lill-għarusa: 'Ħanini sejjer insiefer/Ja ħasra ma neħdokx miegħi/Lilek Alla jagħti s-sabar/U jżommok fl-imħabba tiegħi.' Il-melodija tagħha dokumentata minn Brockdorf f'inċiżjoni fil-ktieb ta' Badger.

Tiksrek bħall-għanjiet ta' Fredu meta xi għelt madwaru kien inikktu. B'hekk, fil-Buskett, fl-Argotti, fil-Mellieħa, u kullimkien sar l-aqwa għannej ta' Malta, bħalma kien jgħid il-Bambinu. Sat-tfal kienu jinġabru madwaru. Niftakru l-Oratorju mdawwar b'ċorom minnhom, ilkoll b'ħalqhom miftuħ mehdijin jisimgħu. Kien qisu Hans Christian Anderson! Hekk kont nisthajlu meta kien jirrakkonta xi storja.

Sadattant kien sab post ta' book carrier mal-Gvern. U fl-għaxijiet kien isib aktar ħin għas-serenati tiegħu. Kien wens fit-toroq tar-Rabat jgħanni fuq il-kitarra. L-aktar meta miegħu kien jingħaqad ukoll Ġanni tal-Ħaruf bil-kitarra u Satarjanu bil-mandolina. Ġie li kien jiġi wkoll Spiru Cauchi. Min ma laħaqx dak iż-żmien forsi ma jifhimx għaliex. In-nies kienet toħroġ bi ħġarha. Qisna f'xi marċ tal-banda. Għax minkejja li ma kellniex la Rediffusion u l-anqas radjijiet, il-mużika leġġera kienet issaħħarna. Ma kenitx toħroġ *song* ġdida li Fredu, jew Spiru, ma kienx isemmagħhielna bl-udit. Minn hawn il-Muskettieri invadew il-pjazez u it-teatri ta' kull raħal. Kullimkien, iżda, bi Fredu r-Reverist il-protagonist ta' kull rappreżentazzjoni. Jekk ma kienx jgħanni kien jagħmel il-makkjetti. Kellu kariżma. In-nies kienet tinġibed lejh minn mili bogħod. Kellu karattru taz-zokkor. "Imma kemm hu ħelu! Jifqak bid-daħk!", kienu igħidu għalih.

Fil-Karnival, imbagħad, kien fih tassew għors. U ngħidu bla tlaqliq, mingħajru ma kienx ikun karnival. Kien jidħol b'karrozzin mikxuf. Hu ħdejn il-kuċċier fuq is-saljatur, liebes is-surtun, u wara fuq il-bank l-għarajjes u x-xhieda. L-għarusa, raġel liebes ta' mara wiċċu aħmar bir-rûx, b'parrokka safra, u b'mant ikaxkar warajh; l-għarus liebes surtun u tomna. Ix-xhieda liebsin l-iswed b'ċoff daqshiex taħt geddumhom. Ma niftakarx jekk fuq l-istaffa ma dahar il-karrozzin kienx idendel xi maskerun. F'nofs il-pjazza kien iqum bilwieqfa, l-għarajjes jinżlu quddiemu u x-xiehda joqogħdu wieħed kull naħa. Imbagħad jiftaħ skroll u jibda jaqra: 'Per mezzo ta' dina l-iskritta matrimonjali/Dawn is-simpatiċi għarajjes/ Magħrufa minni u minnkom/Jagħmlu dawn il-pattijiet konjugali/L-ewwel, li jeħodha fil-festi prinċipali/It-tieni, li jonsobha fuq il-ħajt/U t-tielet li jixtrilha xriek qubbajt/Li jkun tal-kannabusa/Għax minnu biss tiggosta dis-sabiħa għarusa.' Wara ħafna kummidji Fredu kien iġib pupu u jagħtih in-nar. U l-għarajjes, fost l-isparar tat-trikki trakki minn żaqq il-pupu jinħaraq, jitgħannqu u jitfgħu l-perlini. U n-nies tgħajjat u tidħak.

Ftit kienu jafu, lanqas Fredu, li dik kienet il-qarċilla ta' żmien il-Kavallieri. Tpenġija ta' din ix-xena karnivaleska, magħmulha mill-pittur Antoine de Favray, kont darba ġibtha fil-"Heritage". Skond Ġużè Cassar Pullicino din il-qarċilla kienet fdal ta' l-ewwel rappreżentazzjonijiet teatrali. Fredu kien iqaxxarha. Kien fih tassew karnival.

Għax kos anki l-kelma 'karnival' ma hi xejn kif tradizzjonalment nafuha, li ġejja mit-taljan '*carne vale*' jiġifieri 'jiswa laħam'. Ma nixtieqx nitlewwem ma' xi filologi Għawdxin li jiskandalizzaw ruħhom b'dak li qed ngħid. Imma, hekk hu. Il-kelma 'karnival', skond l-awtur Ruman G.Clementi, tnisslet mill-kelmiet bil-Latin '*carmen levare*' ('għollu l-għana') li r-Rumani kienu jgħajtu fi tmiem is-Saturnalja. Is-saturnalja kienet festa ta' tbaħrit u xalar, li matulha r-Rumani kienu jbaħħru l-ibliet tagħhom biex jeħilsu minn xi għajn ħażina ta' Saturnu, l-alla tad-dlamijiet, jew ta' l-ispirti tiegħu. Din il-festa kienet issir f'tarf is-sena li skond il-kalendarju ta' Ġulju kienet taħbat fi żmien ix-xahar ta' Frar tagħna. B'hekk kienu jippurifikaw il-belt tagħhom mill-ispirti ħżiena u jawguraw lil xulxin sena ġdida mimlija bir-risq. L-isqallin għadhom sallum isejħu il-maskeruni '*carmenlevari*'.

Fredu miet ħesrem fit-12 ta' Novembru 1965 wara inċident tat-traffiku. Habat bil-mutur waqt li kien fuq triqtu lejn il-post tax-xogħol biex jilħaq fil-ħin. Wera' sobgħa għalih kull min kien jafu.

Fl-għaxar anniversarju minn mewtu kont twebbilt nagħmillu monument f'Villa Rundle. L-idea ntgħogħbot. Lill-Ministru Buttiġieġ li kien ġie kixef il-monument li kont għamilt lil Laurent Ropa għoġbitu ukoll. Sa qabel li l-ġnien flok Villa Rundle insemmuh "Ġnien il-Ġieħ". Hekk isir f'pajjiżi oħra. Ma rnexxielix. U nitolbu jgħannili xi waħda bħal dik li kien għannieli dak inhar li rajtu jbiegħ il-pitrolju.

Għall-mument, kif stqarr il-Bambinu fl-għanja li kitiblu, il-funeral li kien sarlu ġo San Ġorġ jibqa' l-isbaħ tifkira tiegħu.

Kien umli aktar milli bravu. U bħal kull ċittadin umli baqa' "*ma kiber*x", kif kien ħabbarlu ħamsa u għoxrin sena qabel s-*ser* Attard.

Għalhekk, in-nies ħabbitu u ma nsietu qatt!

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## LEJN TRAĠEDJA UMANA?

Fil-Milied tas-sena 2002 ħarġet l-aħbar li twieldet l-ewwel tarbija permezz tal-*cloning*. Din it-tarbija semmewha Eve u kienet tiżen 7 libri. Jekk dan huwa minnu, dan jista' jkun l-ewwel pass lejn l-*immortalita`* tal-bniedem permezz tal-*cloning*! Dan kollu qed tħabbru setta ta' nies mmexxijin minn Claude Vorilhon li jgħid li huwa dixxendent ta' nies li ġejjin mill-ispazju u li huma stess ħolqu lill-bnedmin ta' din id-dinja permezz ta' l-enġinerija ġenetika. Din l-istorja tidher li hija fanta xjenza u ftit kienu jemmnuha kieku ħarġet ftit tas-snin ilu. Ħolm? Fantasija? Illużjonijiet?... jew qerq?!

Dawn mhumiex affarijiet sbieħ la għall-bniedem u lanqas għax-xjenza. Jekk il-bniedem wasal sa hawn veru tlifna il-valuri tagħna, speċjalment il-valur tal-ħajja. Ħafna huma dawk li qed juru t-tħassib tagħhom għal dawn il-ġrajjiet, fosthom xjenzati magħrufa u li huma irrispettati fil-qasam tagħhom ta' riċerka jew studju. Dan il-grupp li qed igħid li għamel din il-ħaġa mhux magħruf fost ix-xjenzati li qegħdin jaħdmu f'dan il-qasam delikat tal-ġenetika u l-bioloġija nukleari. S'issa dan il-grupp qatt ma kien qal li kklonja xi annimal jew li wettaq xi esperiment ieħor simili bħala riċerka f'dan il-qasam. Lanqas ma ppubblika xi studji f'ġurnali rinomati. Għalhekk il-kredibilita` ta' dan il-grupp ta' nies li wara kollox mhix għajr setta reliġjuża, hija waħda dubbjuża. Xjentist magħruf, Dr. Robert Lanza qal li huwa xettiku ħafna dwar dak li qed igħidu dawn.



***Brigitte Boisselier***



***Claude Vorilhon***

Għal Claude Vorilhon u Brigitte Boisseller (ara ritratti fuq). huwa qal li dan huwa esperiment irresponsabbli minn nies li ma għandhom l-ebda prova xjentifika x'juruna. Il-maġġoranza tax-xjentisti

huma kontra li jsiru dawn it-tipi ta' esperimenti qabel ma jkun hemm provi biżżejjed li l-bniedem mhux qed jintuża bħala annimal li jinqatel jekk l-esperiment ma jirnexxix. Kull esperiment li jsir fuq bnedmin huwa att irresponsabbli li juri nuqqas ta' respett lejn il-ħajja. Dan huwa każ fejn il-bniedem qed jagħmilha ta' Alla. Hawn tkun twarbet kull etika morali u professjonali u nkunu nitkellmu fuq livell ta' nies bla qalb u bla valuri. Dawn huma l-esseri li naqraw fuqhom fil-kotba tal-fantaxjenza. Għadna ma nafux fejn għad jasal il-bniedem meta jwarrab lil Alla minn ħsibijietu u minn għemilu...



Mhux ser nipprova nkun xjentist jew nagħti l-impressjoni li l-*cloning* jista' jsir fi kwalunkwe laboratorju iżda dan huwa fi ftit kliem il-proċess li jsir. Biex isir *clone* jew kopja ta' xi ħadd, ix-xjentisti l-ewwel li jagħmlu huwa li jieħdu bajda minn bniedem u jneħħulha kull materjal ġenetiku. Jieħdu wkoll ċellula mill-bniedem li jridu jagħmlu kopja tiegħu u jpoġġuha fil-bajda. Il-bajda biċ-ċellula ġo fija jagħtuha xokk elettriku żgħir biex iġagħulha tibda tirripproduċi billi tinqasam fi tnejn, erbgħa, tmienja, eċċ, eċċ. B'hekk jifforma embriju li wara jitpoġġa ġo utru ta' mara u hemm jkun jista' jikber normali bħal kull tarbija oħra. Għalhekk dak li jkun jiġri huwa li t-tnissil jinbeda b'permezz ta' xokk elettriku mingħajr fertilizzazzjoni. Din hija xi ħaġa li tmur kontra kull liġi li tagħllimna fil-lezzjonijiet tal-bijoloġija. Aħna l-insara ngħidu li permezz t'Alla kollox huwa possibbli, imma hemm min isostni li għax-xjenza (mingħajr Alla) kollox huwa possibbli. Dan huwa ħsieb stramb, imma fil-fatt dak li qed jiġri llum. F'diskors li għamel il-Papa fil-11 ta' Diċembru waqt udjenza ġenerali qal hekk: "Alla mhux qed jidher iktar, qisu qed jistaħba fis-sema tiegħu, kważi diżgust mill-għemil ta' l-umanita`". Min huwa midħla tal-Ktieb tal-Profeta Ġeremija, li kien ta' inspirazzjoni għall-Papa, jifhem iktar il-kliem tal-Papa. Forsi tajjeb li nimmeditaw fuq dan il-ktieb u nibżgħu ftit mis-skiet ta' Alla ...

Dak li qed jagħmlu dawn in-nies li qed isejħu lilhom infushom xjentisti huwa essenzjalment esperiment fejn il-bniedem stess qed jintuża flok fenek jew annimal ieħor. Dawk ix-xjentisti li ħadmu fuq annimali huma kontra li għalissa isir xi forma ta' *cloning* tan-nies. Dan għaliex huma jafu kemm jkollhom riżultati ħżiena qabel ma jkollhom riżultat tajjeb. Fil-kas ta' Dolly twieldu 276 nagħġa difettużi. Issa fil-każ tan-nies x'ser jsir b'dawn il-ħlejjaq? Immaġina n-numru ta' aborti u ta' qtil ta' trabi innoċenti li jkun hemm tul il-proċess. Anke jekk it-tarbija titwieled normali, ħadd ma' jista' jgħid kemm ser iddum hekk. In-nagħġa Dolly sabu li wara xi sentejn mardet bl-*artrite* u għalhekk xjaħet qabel iż-żmien. Għad hemm ħafna affarijiet li x-xjentisti għadhom ma' jafuhomx. Għalhekk f'dan l-istadju lanqas huwa biss immaġinabbli li nikkunsidraw li nużaw il-bniedem għal dawn l-esperimenti. Li nafu żgur huwa li l-metodu jista' jwassal għal ħafna difetti. Hawn qed nitkellmu fuq bniedem, mhux fuq annimal, avolja hemm min jirraġuna li anke l-annimali ma għandhomx jintużaw għall-esperimenti bħal dawn. Il-prinċipju bażiku għandu ikun: "*Primum non nocere*". Il-bniedem qed jabbuża żżejjed. Imma Alla jaf igħid "biżżejjed"!

*L-Email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*

***Dr. Mario Saliba MD***

Ta' Pawlu

Bar &
Restaurant
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE




# L-istorja ta' Victoria Hotspurs F.C.

Victoria Hotspurs, wieħed mill-klabbs ewlenin tal-futbol Għawdxi, rebbieħ ta' diversi unuri fosthom li jgawdu r-rekord tal-iktar darbiet *champions* Għawdxin, għaxra b'kollox, kitbu paġna oħra fl-istorja glorjuża tagħhom meta ppreżentaw uffiċċjalment pubblikazzjoni bl-istorja tal-klabb tagħhom. B'hekk huma segwew il-pass li kienu ħadu fl-aħħar staġuni, Żebbuġ Rovers u Nadur Youngsters li wkoll għandhom l-istorja tagħhom ippubblikata.



L-awtur Michael Camilleri waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb lil Mr. Speaker Anton Tabone (ex-player ta' Victoria Hotspurs); lil Dr Victor Attard Bondi (ex-President) u Dr Anton Tabone (President ta' Victoria Hotspurs).

Il-persuna li ħadet l-inkarigu ta' din il-biċċa xogħol impenjattiva mhu ħadd għajr Michael Camilleri, attwalment segretarju tal-klabb Rabti u li fil-passat minbarra li serva f'diversi karigi oħra tal-kumitat fosthom anke dik ta' President, kien ukoll *player* u *coach* tal-istess tim. Aħna propju intervistajna lil Camilleri għar-*radio* u anke għat-televiżjoni lokali, wara li lqajna b'entużjażmu din il-pubblikazzjoni. Qabel xejn nixtieq ngħid li kien ilni xi sentejn li rajt dan ix-xogħol jimmaterjalizza wara li iktar qabel huwa kien anke talabni pariri u xi għajnuna oħra, fosthom ta' xi materjal u anke xi ritratti. Minn dejjem inkoraġġejtu biex ifittex ilesti dan ix-xogħol, mhux biss għax inħobb l-istorja sportiva ta' pajjiżna, iżda għax naf u nemmen bi sħiħ li pubblikazzjonijiet tali jservu għal diversi skopijiet. Fost dawk prinċipali huma li pubblikazzjoni sportiva li tkun imżewqa minn informazzjoni u statistika tajba, flimkien ma' diversi ritratti anke antiki, mhux biss tkun interessanti fejn isservi ta' referenza matul iż-żminijiet, iżda wkoll biex iż-żagħżagħ tagħna jkunu jafu l-għeruq tat-timijiet u mill-liema żminijiet feliċi u inqas feliċi jkunu għaddew matul is-snin, inkluż it-twaqqif tagħhom.

Il-ktieb li fiħ 252 paġna, jiġbor fiħ l-istaġuni sa mit-twaqqif tal-klabb fl-1948 sa dak tal-2000 li fih huma rebħu l-għaxar kampjonat li tawhom ukoll l-istilla fuq il-flokk bħal ma jsir fl-Italja. Camilleri qalilna li kienet ilha x-xewqa tal-kumitat li jaraw ippubblikata l-istorja tal-klabb jew ta' l-inqas jaraw xi ħaġa stampata, għax minn dak l-att, mhux bħal klabbs oħra, Hotspurs kienu għadhom qatt ma ippubblikaw xejn bħala rivisti. Fil-fatt kienet dejjem tkun ix-xewqa ta' xi ħaġa stampata l-iktar wara xi rebħ ta' unur, kif jagħmlu klabbs oħra Għawdxin, iżda Hotspurs dejjem baqgħu lura minn dan l-aspett. Hu qalilna wkoll li din in-neċessità kienet żdiedet ferm meta fl-istaġun 1998-99, Hotspurs kienu qed jiċċelebraw il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħhom u staġun wara ħuma rebħu l-għaxar kampjonat tagħhom. Kien propju f'dak iż-żmien meta huwa rtira mix-xogħol tiegħu li sab il-ħin u l-motivazzjoni neċessarji biex iwettaq dan ix-xogħol. Fil-bidu iżda huwa kien iktar ser jiffoka fuq l-għaxar kampjonati mirbuħa, iżda grazzi għal għajnuna u nformazzjoni li sab ħuwa spiċċa biex kiteb l-istorja kollha tal-klabb.




Dwar din l-esperjenza ġdida tiegħu, Camilleri esprima tajjeb ħafna li matul il-perjodu li ħa biex lesta dan ix-xogħol, huwa ġedded ħafna memorji sbieħ u reġa ftakar fi tfulitu fosthom id-diversi ħutu li kienu jiffurmaw parti mit-tim Rabti bħala *players*. Imbagħad ftakar ukoll fid-diversi staġuni, wieħed bħala l-ieħor, bis-sodisfazzjon u d-diżappunt li dawn ġabu magħhom kif eventawalment toffri kull kompetizzjoni f'din id-dinja sportiva, ġedded anke memorji ta' tant ħbieb, players u kollegi tal-kumitat li matul dawn is-snin kollha kellu konnessjoni magħhom. Fil-fatt huwa stqarr li għamel ħiltu kollha biex issemmiħom kollha f'xi parti tal-ktieb. Dan aħna anke nistgħu nikkonfermaħ u mhux dan biss, iżda hemm imsemmija l-klabbs l-oħra kollha Għawdxin, ovvjament għax dawn kienu l-avversarji sportivi tal- Hotspurs matul din il-medda ta' snin. Anke minn naħa tagħna personali, issemmejna f'iktar minn okkażjoni waħda, fejn apparti fir-ringrazzjamenti tiegħu tal-għajnuna li flimkien ma' oħrajn tajnieh biex seta jippubblika dan il-ktieb, iżda anke f'episodji oħra fejn jien kemm qabel bħala *referee*, kif ukoll iktar tard bħala ġurnalist sportiv sibna wkoll postna f'din l-istorja ta' Victoria Hotspurs.

Michael Camilleri esprima wkoll magħna li ma kienetx xi ħaġa faċli, iżda minkejja diffikultajiet huwa ma qatax qalbu u finalment il-ħolma li kellu issa saret realta`. Huwa iħossu sodisfatt ukoll li mhux biss li welled dan ix-xogħol, iżda li issa din ġiet milqugħa tajjeb u fuq kollox ġiet apprezzata Minn naħa tagħna m'għandux dubbju għax ġa personalment tajnih il-kongratulazzjoni u l-awguri tagħna. Iżda minn dak li anke aħna smajna personalment inħossu verament kemm dan il-ktieb ġie milqugħ tajjeb. Anzi nieħu din l-okkażjoni biex mhux biss nerġa nifraħ pubblikament lil kollega Michael Camilleri, iżda ningħaqad miegħu biex nappella mhux biss lill-partitarji tal-istess Victoria Hotspurs, iżda lil dawk dilettanti sportivi, kemm Għawdxin, kif ukoll Maltin biex jakkwistaw koppja għax hija pubblikażżjoni ta' livell professjonali u li għandha ssib post f'kull librerija sportiva.

Camilleri xtaq jagħti tislima speċjali lid-diriġenti, *players* u kumitat ta' Victoria Hoptspurs, fejn f'din l-okkażjoni iheġġiġhom biex jibqgħu għaqda waħda u dan biex il-klabb jibqa' minn ta' quddiem fil-qasam tal-futbol għawdxi. Huwa radd ħajr ukoll lil dawk kollha li offrew l-għajnuna finanzjarja tagħhom biex din il-pubblikazzjoni setgħet tkun ippubblikata, fosthom lill-Kunsill Lokali tar-Rabat u lil dawn id-ditti: La Grotta Co. Ltd, Cisk Lager, Coca Cola, Forestals (Appliances) Ltd, Vodafone (Malta) Ltd, Citadell Insurance p.l.c. Ltd, Artex Interiors, A.F.Ellis (Home Decor) Ltd u Michael Grech Financial Investment Services Ltd.

L-istorja tal-Victoria Hotspurs Football Club 1948-2000 hija ddedikata lil ħut Michael Camilleri, Ġużeppi, Victor, Nenu u Ġorġ li taw minn qalbhom dak kollu li kienu jafu lill-Victoria Hotspurs u lil Duncan Jos. Camilleri, nepputi li meta l-Mulej sejjaħlu għal Miegħu f'eta` bikrija, kien qed jibni l-*web-site* ta' dan il-klabb. Id-dedika tkompli anke għal Fredu Attard, Rikardu Ellis u Ġużeppi Attard tas-sehem kbir li taw biex ikabbru l-isem tal-Victoria Hotspurs. Il-ktieb jinsab għal bejgħ mill-ħwienet ewlenin għawdxin, kif ukoll jista jinkiseb mill-klabb stess ta' Victoria Hotspurs.

# kurżitajiet minn madwar id-Dinja



*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Levi's jużaw il-ġrieden għall-akbar kampanja pubbliċitarja.*

Il-kumpanija ġiganteska fil-qasam tal-*jeans*, Levi's, għadha kemm varat kampanja pubbliċitarja ġdida u din id-darba l-ġrieden ħadu post mudelli femminili ta' fama bħal Nick Karmen. Il-kumpanija temmen li din il-kampanja ser tintlaqa tajjeb daqs kemm kienu intlaqgħu tajjeb dawk b'Nick Karmen.

Il-kampanja li ser tibda dan ix-xahar għall-*Jeans Type 1* mistennija li tkun l-aktar waħda li ser tiswa flus għall-Levi's. Is-somma totali ma ġietx ippubblikata, pero` żgur li tiżboq is-somma ta' 2.5 miljun lira sterlina.

### *Ittri ta' Bush jaslu aktar minn sena tard!*

Żewġ ittri miktuba mill-President ta' l-Istati Uniti George W Bush lir-Re u lill-Prim Ministru tal-Iżvezja waslu aktar minn sena tard! Bush kiteb l-ittri biex jirringrazzja liż-żewġ mexxejja tas-solidarjeta` li wrew ma' l-Amerikani wara l-attakki tal-11 ta' Settembru.

L-ittri ġew impustati fit-23 t'Ottubru 2001 u waslu fl-14 ta' Jannar 2003!

### *Press-ups bħala penitenza*

Mhux kulħadd jinterpreta l-liġi bl-istess mod. Imħallef f'Kentucky ordna lil żewġ żgħażagħ jagħmlu 50 *press-up* wara li kienu nstabu ħatja li saqu b'veloċita` qawwija. L-imħallef Dan Ballou qal li ma kienx ikun ta' ġid għaż-żgħażagħ li titteħdilhom il-liċenzja, għaliex jaħdmu fuq erba roti u jemmen li l-*press-ups* ser jagħmlulhom aktar ġid!

### *Serduk fuq xadina fuq gidi fuq ħmar!*

Wara snin ta' taħriġ, ċirku Ġermaniż irnexxielu jagħmel bravura! Irnexxielu joħloq torri ta' annimali, bi ħmar isfel nett, gidi fuqu, xadina fuq ras il-gidi u serduk fuq ras ix-xadina! Għall-aħwa Jorg u Maike Probst, li għamlu għomorhom jgħixu u jaħdmu fiċ-ċirku, din kienet biċċa xogħol li tgħathom sodisfazzjon kbir.

### *L-Għarab jibbojkottjaw lil Ariel*

Is-sena 2003 ma fetħitx bl-isbaħ mod għall-kumpanija amerikana *Procter and Gamble* li tipproduċi trab tal-ħasil. Mexxejja spiritwali Għarab, fosthom l-Eġittu, qed jibbojkottjaw l-aktar prodott popolari tal-kumpanija - l-*Ariel Washing Powder*. Ir-raġuni wara l-*boycott* hija li Ariel huwa isem il-Prim Ministru Iżraeljan Ariel Sharon.



## L-IMĠARR... 150 SENA ILU!

***X'differenza mil-lum! Innota l-knisja "ta' Lourdes" hemm fuq weħidha, it-triq bla bini, u ż-żewġ barrakki tal-injam max-xatt! Dan ir-ritratt, meħud qrib is-sena 1855, jinsab fil- "Malta Maritime Museum" u qed nippublikawh bil-kortesija ta' "Bieb Bieb", San Ġiljan, Malta.***


Into the Future
Daring design, extensive use of technology and space. The new Peugeot 307 is the forerunner of a new generation of vehicles; a blueprint for the 21st century car.
Perfectly in tune with your expectations for tomorrow, the 307 has an extraordinary range of technology such as automatic headlight illumination, an optional "PORSCHE TIPTRONIC SYSTEM", sequential automatic gearbox and an ABS braking system with EBFD (Electronic Brake Force Distributor) and Emergency Brake Assist. With Airbags, 4 disc brakes, "active" seat backs, a retractable steering column, and HDi technology, the 307 provides a high level of technology that not only delivers for you, but for your environment too.
307
Michael Attard Ltd.
National Road, Blata l-Bajda - T. 2123 8854
Psaila Street, Sta Venera - T. 2144 9312
E: sales@michaelattard.com
Gozo Sub-agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd., Ghajnsielem - T: 2155 9453
PEUGEOT
PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.



# Lifeguard Account

*Protect the ones you care for*

- **Insurance linked savings account**
- **The Bank will double the balance of an account in the event of the account holder's demise**
- **Highly competitive interest rate**

APS BANK

**HEAD OFFICE**
APS House, 24 St. Anne Square,
Floriana VLT 16.
Tel: 21 226 644. Fax: 21 226 202

**ATTARD BRANCH**
Pitkali Road,
Attard BZN 09.
Tel: 21 419 429. Fax: 21 419 745

**FLORIANA BRANCH**
21-23, St. Anne Square,
Floriana VLT 16.
Tel: 2560 3520. Fax: 21 222 934

**VALLETTA BRANCH**
17/18, Republic Street,
Valletta VLT 04
Tel: 21 250 164. Fax: 21 232 303

**GOZO BRANCH**
10, Main Gate Street,
Rabat VCT 103.
Tel: 21 563 512. Fax: 21 559 200

*For any telephone enquiries please phone : 2560 3510*